# IL-BIBBJA
# U
# MARIJA
# OMM ĠESÙ

Minn
George Ebejer

# IL-BIBBJA U MARIJA OMM ĠESÙ

Il-Kelma ta' Alla tagħtina din it-twissija:

> "*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla t'Alla fuq dawk li ma jisimgħux*" (Efesin 5:6).

Ukoll għandna din it-twissija:

> "*Qisu li ħadd ma jassarkom b'filosofija u kliem qarrieq u fieragħ SKOND DAK LI ĠEJ MILL-BNEDMIN; skond il-prinċipji TAD-DINJA U MHUX TA' KRISTU*" (Kolossin 2:8).

Il-Bibbja tgħidilna ħafna fatti dwar il-ħajja ta' Marija, omm Ġesù—il-biċċa l-kbira minnhom f'Mattew u f'Luqa. L-ewwel aħna sejrin naraw fuq fuq dwar il-ħajja ta' Marija kif il-Mulej irrivelaha fil-Bibbja. Imbagħad neżaminaw xi leġġendi u tagħlim li żviluppa fis-sekli ta' wara. Jiena nħeġġeġ lill-qarrejja biex iżommu l-Bibbja personali tagħhom qrib u jqabblu l-kwotazzjonjiet skritturali kkwotati kollha mill-Bibbja tagħhom.

**QABEL il-ministeru ta' Ġesù,** Marija hija nvoluta fil-ġrajjiet li ġejjin:

1. L-anġlu Gabrijel jidher lil Marija f'Nażaret u jgħidilha li tikkonċepixxi Iben mill-Ispirtu s-Santu (Luqa 1:26-38).
2. Marija żżur il-*qariba* tagħha, Elisabetta (Luqa 1:39-56).
3. F'ħolma, anġlu jgħid lil Ġużeppi li tnissil ta' Marija kien mill-Ispirtu s-Santu. Ġużeppi imbagħad jieħu lil Marija *b'martu* (Mattew 1:18-24).
4. Ġużeppi u Marija jmorru f'Betlehem, u Marija twelled lil Ġesù (Luqa 2:1-7; Mattew 1:25).
5. Anġlu jgħid lir-ragħajja dwar it-twelid Tiegħu, u r-ragħajja jmorru biex jarawh (Luqa 2:8-20).
6. Ġesù ssirlu ċ-ċirkonċiżjoni, mogħti isem, u ppreżentat fit-tempju Lhudi f'Ġerusalem (Luqa 2:21-38).
7. Irġiel għorrief mil-Lvant iżuru lil Ġesù, jippreżentaw ir-rigali tagħhom, u jmorru lura lejn djarhom (Mattew 2:1-12).
8. Is-Sultan Erodi jixtieq li jsib lil Ġesù biex joqtlu, għalhekk il-familja taħrab lejn l-Eġittu (Mattew 2:13-23; Luqa 2:39-40).
9. Meta Ġesù kien ta' tnax-il sena, il-familja marret għall-Festa ta' l-Għid f'Ġerusalem, imbagħad tmur lura f'Nażaret (Luqa 2:41-51).
10. Ġesù jkompli jikber f'Nażaret (Luqa 2:51-52).

**MATUL il-ministeru ta' Ġesù,** Marija hija nvoluta fil-ġrajjiet li ġejjin:

1. Hi tinsab preżenti fil-festa tat-tieġ f'Kana, fejn Ġesù jwettaq l-ewwel miraklu Tiegħu (Ġwanni 2:1-11).
2. *Ġesù*, *ommu*, *ħutu*, u *d-dixxipli* Tiegħu jagħmlu żjara qasira f'Kafarnahum (Ġwanni 2:12).
3. Marija u *l-aħwa* ta' Ġesù jippruvaw biex ikellmu lil Ġesù waqt li kien qiegħed jgħallem f'Kafarnahum (Mattew 12:46-50; Mark 3:31-35; Luqa 8:19-21).
4. Waqt li Ġesù kien fuq is-salib, kellem lil Marija u lil wieħed mid-dixxipli Tiegħu (Ġwanni 19:25-27).

**WARA l-ministeru ta' Ġesù,** Marija hija msemmija biss darbtejn biss:

1. F'kamra ta' fuq f'Ġerusalem, aħna nsibu l-appostli, xi nisa, Marija, u *l-aħwa* ta' Ġesù jitolbu (Atti 1:14).
2. Omm Ġesù hija msemmija fl-ittra ta' Pawlu lill-Galatin, imma mhux b'isimha: *"Iżda meta waslet il-milja taż-żminijiet, Alla bagħat 'il Ibnu, imwieled minn* ***mara****, imwieled taħt il-liġi*" (Galatin 4:4).

Innota li Marija hija nvoluta **f'numru kbir** ta' ġrajjiet *qabel* il-ministeru ta' Ġesù. Marija hija nvoluta **biss erba'** ġrajjiet *matul* il-ministeru Tiegħu. U wara r-reżurrezzjoni tiegħu, Marija hija msemmija bħala li kienet preżenti **darba biss** (Atti 1:14). Minn Atti 2 sal-bqija tat-22 ktieb tat-Testment il-Ġdid, il-Bibbja *ma ssemmix* lil Marija—ħlief f'Galatin 4:4 dwar it-twelid ta' Ġesù.

Fl-istorja ta' l-evanġelju, Marija ċertament għandha rwol importanti qabel il-ministeru ta' Ġesù. Imma meta Hu jibda l-ministeru Tiegħu fl-età ta' madwar 30 sena (Luqa 3:23), Marija **kważi tisparixxi mill-paġni ta' l-Evanġelju**. Fil-fatt, Marija tgħid l-aħħar kliem irreġistrat tagħha f'Kana (Ġwanni 2:5) qabel ma Ġesù jwettaq **l-ewwel miraklu Tiegħu** (Ġwanni 2:7-11). Marija tonqos, u Ġesù jżid (qabbel Ġwanni 3:30). Ukoll f'dawk il-ġrajjiet qabel il-ministeru ta' Ġesù, l-attenzjoni prinċipali mhix fuq Marija, imma fuq l-Iben ta' Alla li ġej fid-dinja.

Qabel ma Ġesù mar lura fis-smewwiet, Hu qal lil l-appostli,

> "*... l-Ispirtu s-Santu, li l-Missier jibgħat f'ismi, igħallimkom* ***kollox*** *u jfakkarkom dak kollu li għedtilkom*" (Ġwanni 14: 26).

Wara Hu qalilhom,

> "*Meta jiġi hu, l-Ispirtu tal-verità, iwassalkom għall-verità* ***kollha***" (Ġwanni 16:13).

Permezz ta' l-Ispirtu s-Santu, Ġesù Kristu **spiċċa** jirrivela r-rieda ta' Alla qabel it-tmiem ta' l-ewwel seklu. Fit-tmiem ta' ħajtu, l-appostlu Pietru kiteb li:

> "*Is-setgħa tiegħu ta' Alla* ***tatna dak kollu*** *li hu meħtieġ għall-ħajja u t-tjieba, billi għarrfitna 'l Dak li sejħilna għas-sebħ u l-qawwa tiegħu*" (2 Pietru 1:3)

It-Testment il-Ġdid huwa "*l-liġi perfetta tal-ħelsien*" (Ġakbu 1:25) It-Testment il-Ġdid fih dak kollu li aħna neħtieġu li nkunu nafu biex ikollna l-ħajja eterna.

**Ġesù wissa li ħafna profeti foloz jiġu** (Mattew 7:15; 24:11, 24). L-appostli taw l-istess twissija (Atti 20:29-30; 1 Timotju 4:1-3; 2 Timotju 3:13; 4:3-4; 2 Pietru 2:1-3). Ukoll Matul l-ewwel seklu, **ħafna** għalliema foloz kienu diġa' qegħdin jippruvaw biex ibiegħedu lin-nies mill-verità (2 Korintin 11:13-15; Galatin 1:6-7; 3:1; 5:7-10; 1 Timotju 1:6-7, 19-20; 6: 20-21; 2 Timotju 2:16-18; Titu 1:10-14; Titu 1:10-14; 2 Pietru 3:16; 1 Ġwanni 2:18, 26; 4:1; 2 Ġwanni 7).

**Hemm xi ħsara f'li temmen u tgħallem dottrina li mhijiex fil-Bibbja?**

(1) Jekk aħna ngħallmu dottrini tal-bnedmin, Alla ma jaċċettax il-qima tagħna:

> "*Fiergħa hija l-qima li jagħtuni;* ***igħallmu dottrina li mhix għajr preċetti tal-bnedmin***" (Mattew 15:9).

(2) Kull min iħassar l-Evanġelju ta' Kristu għandu jkun "*misħut*" (Galatin 1:8-10; ara Rivelazzjoni 22:18-19). (3) Li nemmnu tagħlim falz jikkawżana li nitilfu l-premju tagħna (Kolossin 2:18; 2 Tessalonikin 2:9-12). (4) Jekk nimxu fuq it-tagħlim tal-bnedmin, aħna nsiru dixxipli ta' dawk il-bnedmin. Biex inkunu dixxipli ta' Kristu, aħna għandna nibqgħu fit-tagħlim **Tiegħu**:

> "*Ġesù qal lil-Lhud li emmnuh: "Jekk iżżommu fil-kelma tiegħi, tkunu tassew dixxipli tiegħi, u tagħarfu l-verità, u l-verità teħliskom*" (Ġwanni 8:31-32).

(5) Persuna li ma tibqax fid-dottrina ta' Kristu m'għandix lil Alla:

> "*Jekk xi ħadd jaqbeż 'il barra u ma jibqax fit-tagħlim ta' Kristu, dan ma għandux lil Alla fih. Imma min jibqa' fit-tagħlim, għandu l-Missier u l-Iben fih. Jekk jiġikom xi ħadd u ma jġibilkomx dan it-tagħlim, la tilqgħuhx u la ssellmulux, għax min isellimlu jkun qiegħed jissieħeb miegħu fl-egħmejjel ħżiena tiegħu*" (2 Ġwanni 9-11).

**Hemm triq waħda biss ta' azzjoni li hija fiż-żgur: aħna għandna neżaminaw kull tagħlim billi nistudjaw il-Bibbja**. Jekk dottrina ma tkunx mgħallma fil-Bibbja, aħna m'għandniex inpoġġu l-fiduċja tagħna fiha. L-appostlu Pawlu, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu jgħidilna:

> "*Ippruvaw kollox: it-tajjeb żommuh, u fuq kollox warrbu kull xorta ta' ħażen*" (1 Tessalonikin 5:21-22).

Aħna għandna nkunu bħan-nies ta' Berea:

> "*Dawn il-Lhud kienu nies ta' qalb kbira aktar minn dawk ta' Tessalonika; huma laqgħu l-kelma bil-ħeġġa kollha, **u kuljum bdew iqallbu l-Iskrittura** biex jaraw jekk dak li semgħu kienx minnu*" (Atti 17:11).

Fil-jum tal-ħaqq, Ġesù Kristu jiġġudikana permezz tal-verità li Hu rrivela fit-Testment il-Ġdid Tiegħu (Ġwanni 12:48; Rumani 2:16; Atti 17:31).

## "OMM ALLA"?

Mhuwiex magħruf min kien li l-ewwel sejjaħ lil Marija "Omm Alla." Fit-tielet seklu, xi mexxejja reliġjużi fl-Ixandra, fl-Eġittu, kienu qed jirreferu għal Marija bħala "omm Alla." Ħafna nies oħra wkoll bdew jużaw dak it-terminu. F'Efesu fis-sena 431 W.K., grupp ta' mexxejja reliġjużi iddikjaraw lit-terminu "omm Alla" huwa terminu validu għal Marija. Huma għamlu d-dikjarazzjoni tagħhom **aktar minn 300 sena wara** li l-Mulej kien kompla t-Testment il-Ġdid Tiegħu.

## X'TGĦID IL-BIBBJA DWAR DAN?

Fi Ġwanni 2:1, Marija hija msejħa "*omm Ġesù*." Il-qariba tagħha Elisabetta sejħitilha "*omm Sidi*" (Luqa 1:43). Marija **qatt** ma stqarret li *hi* "*omm Alla*." Ġesù Kristu fit-Testment il-Ġdid Tiegħu **qatt** ma sejħilha "*omm Alla*."

Li ssejjaħ mara umana "*omm Alla*" hija ħaġa impossibbli, mhix loġika, u mhix Skritturali. Huwa **impossibbli**, għaliex Alla **kien minn dejjem** u ma jista' li jkollu ebda omm umana; *Alla hu Etern* u mingħajr bidu waqt li Marija kienet imwielda u mietet fi ftit snin qosra kif jagħmel kulħadd. Mhux **loġiku**, għaliex Alla ma jeħtieġx omm għall-eżistenza Tiegħu. Ġesù qal,

> "*Qabel ma kien Abraham, jiena hu dak li hu*" (Ġwanni 8:58).

Mhux **Skritturali**, għaliex il-Bibbja ma tagħti l-ebda isem kontradittorju. Marija kienet onorata bħala 'l omm *tal-ġisem uman* ta' Ġesù—xejna aktar—kif kull Kattoliku għandu jammetti jekk huwa jrid li jkun raġjunevoli u Skritturali. In-natura divina ta' Kristu eżistiet **mill-eternità tal-**

**passat**, ħafna qabel ma Marija kienet imwielda. Ġesu **qatt** ma sejħilha "*ma*"; Hu dejjem sejħilha "*mara*". Maruc Meyer jgħid:

> "Alla m'għandux omm. Alla eżista minn dejjem. Alla nnifsu hu l-Ħallieq tal-ħwejjeġ kollha. Billi omm għandha teżisti qabel l-iben tagħha, u (hija għandu jkollha omm u missier, eċċ.), jekk inti titkellem dwar "omm Alla" b'hekk tkun qiegħed tpoġġi lil xi ħadd qabel Alla. U għalhekk tkun qiegħed tagħmel lil dik il-persuna Alla….Marija ċertament li tibki tisma' lil xi ħadd iħassar u jaqleb il-verità billi jseħilha 'l omm tal-Ħallieq tagħha. Tassew Ġesù kien Alla; imma Hu wkoll kien bniedem. U kien biss bħala bniedem li Hu sata' kellu omm. Tista' int timmaġina lil Marija tintroduċi lil Ġesù lil nies oħra bil-kliem: 'Dan hu Alla, Ibni'?"

Barra minn dan, jekk it-terminoloġija tal-Knisja Kattolika Rumana hija korretta u Marija għandha tkun imsejħa "*omm Alla*," imbagħad Ġużeppi kien *il-missier tar-rispett* ta' Alla, Ġakbu, Ġużeppi, Xmun, Ġuda u l-bniet imsemmija f'Mattew 13:55-56, kienu *l-aħwa* ta' Alla, Elisabetta kienet *iz-zija* ta' Alla, Ġwanni 'l Battista kien *il-kuġin* ta' Alla, Ħeli kien *in-nannu* ta' Alla, u Adam kien id-disa' u ħamsin *bużnannu* ta' Alla. Riferenzi bħal dawn jinstemgħu strambi imma jekk aħna naċċettaw it-tagħlim li Marija hija "*omm Alla*" allura ma nistgħux naħarbu minnhom! Ukoll, jekk Ġesù Kristu Hu l-Iben ta' Alla, u Marija hija ommu allura skond il-loġika kien ikun aktar floku li l-Kattoliċi jgħidu li Marija hi **mart** Alla u mhux ommu! Jista' xi ħadd jiċħad li missieri jiġi r-raġel ta' ommi, u li oħt ommi tiġi z-zija tiegħi, jew li uliedha jiġu ħuti. eċċ. L-istess japplika għal Marija!

It-talba korretta tal-persuna ta' Kristu f'dan ir-rigward hija: KIF IN-NATURA UMANA TIEGĦU MA KELLIEX MISSIER, HEKK UKOLL IN-NATURA DIVINA TIEGĦU MA KELLIEX OMM.

## X'TGĦID IL-BIBBJA?

Il-Bibbja tenfasizza fuq id-Divinità ta' Ġesù bħala li hija eterna fin-natura tagħha, teżisti mill-eternità kollha, u bl-ebda mod ma tiddependi fuq Marija. Alla Nnifsu jgħidilna:

> "*Fil-bidu kienet il-Kelma, (Kristu, Logos) u l-Kelma kienet ma' Alla, u l-Kelma kient Alla. Kollox bih sar, u xejn ma sar mingħajru; kull ma sar kellu l-ħajja fih, u l-ħajja kienet id-dawl tal-bnedmin*" (Ġwanni 1:1-4).

Li turi lil Marija bħala "*omm Alla*" huwa li **tillimita** d-Divinità tal-Mulej għal żmien tranżitorju. Marija **qatt** ma stqarret li hija "**omm Alla**."

Ġesù Kristu u l-kittieba l-oħra kollha tat-Testment il-Ġdid **qatt** ma sejħulha "omm Alla."

Ġesù Kristu huwa l-uniku persuna li kien kemm uman kif ukoll divin. Hu ma kellux missier uman, imma kellu omm umana. Permezz ta' miraklu, Alla kkawża l-forma umana ta' Ġesù biex tibda ġewwa Marija (Mattew 1:18-20; Luqa 1:26:38). Ġesù huwa l-uniku persuna li eżista **qabel** malġisem tal-laħam Tiegħu kien iffurmat ġewwa l-ġuf ta' Marija. Ġesù kien "*l-Iben il-waħdieni*" ta' Alla (Ġwanni 1:14, 18; 3:16, 18; 1 Ġwanni 4:9). Il-bnedmin l-oħra kollha jiġu minn missier uman u minn omm umana—barra minn Adam u Eva, l-ewwel bnedmin. Il-ħajja ta' kull persuna tibda meta l-omm umana tagħhom tikkonċepixxi minn missier uman u Alla **jifforma** l-ispirtu ta' dik il-persuna ġewwa l-ġisem tagħha. Naqraw f'Żakkarija 12:1,

> "*Oraklu ta' Yaħwweh li firex is-smewwiet, li qiegħed is-sisien ta' l-art u li lill-bniedem ġo fih sawwarlu l-ispirtu tiegħu.*"

U f'Lhud 12:9 naqraw,

> "*Barra minn dan, aħna kellna wkoll missirijietna skond il-ġisem; kienu jwiddbuna, u aħna konna nweġġħuhom, Mela kemm aktar għandna noqgħodu taħt il-Missier ta' l-erwieħ, biex ikollna l-ħajja.*"

Kull persuna tgħix ħajja waħda biss fuq l-art. Naqraw f'Lhud 9:17,

> "*U kif hu miktub għall-bnedmin li għandhom imutu darba biss, u wara dan isir il-ġudizzju.*"

Meta aħna mmutu, il-ġisem tagħna jitħassar, u l-ispirtu tagħna jmur lura għand Alla biex jistenna għall-jum tal-qawmien, ġudizzju, u tgawdija jew tbatija ta' dejjem. (Ekkleżjażti 12:7, 14; Ġwanni 5:28-29; 2 Korintin 5:10; Apokalissi 20:12-13).

Marija kienet l-omm tal-**forma umana** ta' Ġesù. Permezz ta' Marija, Ġesù kien id-dixxendent fiżiku tas-Sultan David. Naqraw f'Luqa 1:32 u f'Atti 2:30,

> "*Hu jkun kbir, u jkun jissejjaħ Bin il-Għoli. Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru…Issa hu kien profeta, u kien jaf li Alla ħaliflu b'ġurament li kellu jqiegħed fuq it-tron tiegħu bniedem ġej minn nislu.*"

Ara wkoll Luqa 3:23-31. Ġesù kien:

> "*…twieled min-nisel ta' David skond it-tnissil tal-ġisem*" (Rumani 1:3).

Ġesù qal lil Nikodemu:

"*Dak li jitwieled mill-ġisem hu ġisem, u dak li jitwieled mill-Ispirtu hu spirtu*" (Ġwanni 3:6).

Marija ċertament **kellha parti ta' l-għaġeb u unika fil-pjan etern ta' Alla**. Il-ġisem jew il-forma umana ta' Ġesù ġiet permezz ta' Marija. Imma Marija **ma kinetx** divina, u hija **ma kinetx** l-omm **tan-natura divina** ta' Ġesù.

**In-natura divina** ta' Ġesù Kristu, kif rajna qabel, eżistiet **wisq qabel** ma l-ġisem Tiegħu kien iffurmat f'Marija. Madwar 700 Q.K., il-profeta Mikea bassar li l-Mulej joħroġ minn Betlehem. Dik l-istess profezija tgħidilna li Hu eżista minn dejjem:

"*...hu għandu l-bidu tiegħu mill-qedem, sa minn l-eternità*" (Mikea 5:2).

**In-natura divina ta' Ġesù Kristu kienet eterna, minn dejjem**. Isejjaħlu "il-Kelma" (Logos), kif diġa' rajna, l-appostlu Ġwanni jgħid li:

"*Fil-bidu kienet il-Kelma, u l-Kelma kienet ma' Alla, u l-Kelma kienet Alla. Kollox bih sar, u xejn ma sar mingħajru; ...U l-Kelma saret bniedem u għammar fostna.*"

Fil-lejl qabel ma Ġesù kien imsallab, Hu talab:

"*U issa, Missier, igglorifika lili għandek, bil-glorja **li kelli miegħek qabel ma kienet id-dinja***" (Ġwanni 17:5).

"**Qabel ma kienet id-dinja**." Jista' xi ħadd jgħid li f'dak iż-żmien li dwar Ġesù qiegħed jitkellem, jiġifieri, "*qabel ma kienet id-dinja,*" Marija kienet **diġà teżisti**?

Naqraw fi Ġwanni 8:58,

"*Tassew, tassew ngħidilkom, qabel ma kien Abaham, jien hu dak li hu.*"

Dan il-kliem kien ikun wisq adattat li jintqal għal Marija, skond it-tagħlim Kattoliku!! L-appostlu Pawlu jgħid,

"*Għax fih kien maħluq kollox, fis-sema u fl-art, dak kollu li jidher u dak kollu li ma jidhirx, troni, u ħakmiet, prinċipati u setgħat. Kollox bih u għalih kien maħluq, hu li hu qabel kollox, u kollox fih qiegħed iżomm*" (Kolossin 1:17)

Ċertament jekk Kristu kien "**qabel kollox,**" żgur lin-*natura divina* Tiegħu m'għandiex omm umana, inkella ma jkun xejn qabel kollox għaliex l-omm **dejjem tiġi *__qabel__* l-iben tagħha**! L-Iskrittura Mqaddsa tagħtina spjega ċara ħafna ta' dan fejn naqraw fl-Ittra lill-Filippin 2:5-8,

"*Aħsbu bħalma kien jaħseb Kristu Ġesù; hu li għad li kellu n-natura ta' Alla, ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla,*

*iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir; sar jixbaħ lill-bnedmin, u deher minn barra bħala bniedem; ċekken lilu nnifsu, billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib*."

Waqt li Kristu Ġesù kellu **n-natura ta' Alla** u kien **daqs Alla** Marija ma kinetx għadha teżisti. Il-mistoqsija hawn hija din: "Kif tista' Marija tkum '*l-omm in-natura ta' Alla*' meta hi ġiet fl-eżistenza ħafna snin wara l-ħolqien?

Il-Mulej tagħna kien jaf x'tagħlim falz kien se jinħoloq maż-żminijiet u tana eżempji ċari ħafna biex ma nkunux imkaxkra b'dan it-tagħlim falz. Wieħed minn dawn l-eżempji ċari, fejn Ġesù Nnifsu jgħidilna jekk Marija hix omm Alla (jew omm in-natura Divina tiegħu) jew le jinsab fi tlieta mill-Vanġeli, jiġifieri, f'Mattew, f'Mark u f'Luqa fejn insibu inċident li ċertament qiegħed mogħti importanza sabiex jekk ikun hemm xi dubju dan ikun iċċarat. Naqraw f'Mark 3:31-35,

"*Darba ġew ommu u ħutu, baqgħu barra u bagħtu jsejħulu. Dak il-ħin kien hemm ħafna niex bilqiegħda madwaru. "Ara," qalulu, "ommok u ħutek qegħdin barra u jriduk." U hu weġibhom: "Min huma ommi u ħuti?" Imbagħad dawwar ħarstu fuq dawk li kien hemm madwaru bil-qiegħda, u qal: "Dawn, araw, huma ommi u ħuti. Kull min jagħmel ir-rieda ta' Alla, dak huwa ħija, u oħti, u ommi*."

Tajjeb li wieħed jifli sewwa l-kliem tal-Mulej tagħna f'din is-silta. L-ewwel mistoqsija tiegħi hija din: "Jista' xi ħadd jiċħad li Marija mhix omm Ġesù?" Ċertament li t-tweġiba hija "**Le**, ma jistax." Naqraw fi Ġwanni 1-5,

"*Imbagħad il-pitgħada sar tieġ f'Kana tal-Galilija, u **omm Ġesù** kienet hemm...**Omm Ġesù** qaltlu...**Omm Ġesù** qalet lill-qaddejja...*"

L-istess japplika għal *ħutu* subjien u bniet. Hawn nixtieq niġbed ftit l-attenzjoni tal-qarrej għaliex jiena ċert li jista' jkun qed jirreferi minn fuq xi verżjoni Kattolika tal-Bibbja li flok "ħutu" din iġġib "qraba." Il-kelma "qraba" hija ħażina u mhix fl-oriġinal f'dawn il-postijiet, imma għandha l-kelma "ħutu", imma dwar dan nitkellu aktar 'il quddiem.

Ġesù għamel din bħala okkażjoni ta' tagħlima għalihom u għalina wkoll biex juri li Għalih hemm relazzjoni qawwija u qrib daqs l-iktar relazzjoni tal-qalb, tad-demm, u tal-laħam. Il-Mulej żgur li kien iħobb ir-relazzjoni umana. Hu kien iħobb lil ommu (Ġwanni 19:26-27). Imma Ġesù kien jistma r-relazzjoni spiritwali bil-wisq aktar.

Hawn għandna fix-xena **żewġ familji**, dik **fiżika**, ("ġew ommu u ħutu ...") u dik **spiritwali** (Dawn, araw, huma ommi u ħuti. Kull min jagħmel

ir-rieda ta' Alla, dak huwa ħija, u oħti, u ommi"). Din is-silta u siltiet oħra bħal-Luqa 2:48-49 u Ġwanni 2:4 juru l-iżball tad-dottrina Kattolika Rumana. "Min hi ommi?" staqsa Ġesù (Mattew 12:48). It-tweġiba Kattolika hija: "Marija, hi ommok, Marija hi omm Missierek li hu fis-smewwiet, Marija hi 'omm Alla'!" Imma t-tweġiba ta' Ġesù Kristu hija differenti għal kollox mit-tweġiba tal-Knisja Kattolika Rumana. Ġesù dawwar ħarstu, mhux lejn Marija u ħutu l-oħra, imma lejn dawk li kien hemm bilqiegħda madwaru u qal: "**Dawn, araw, huma ommi u ħuti**." U jekk forsi xi ħadd jistaqsi, "Imma dawn min huma? Kien qiegħed Ġesù jirreferi għal Marija bħala li hi ommu u għal uliedha l-oħra bħala li huma ħutu? It-tweġiba jagħtihilna Ġesù nnifsu:

> "***Kull min jagħmel ir-rieda ta' Alla, <u>dak huwa</u> ħija, u oħti, u ommi***."

Dan ifisser li dawk kollha **li ma jagħmlux** ir-rieda ta' Alla li tinsab fil-Bibbja Mqaddsa mhumiex, skond Ġesù, ommu u ħutu **spiritwalment.** Marija hija ommu *biss f'sens fiżiku*, f'sens ta' familja fiżika. Hija ommu wkoll f'sens ta' familja spiritwali l-istess kif kull min jagħmel ir-rieda ta' Alla huma ħutu u oħtu u ommu imma mhux bħala Alla. Marija hija omm Ġesù f'dik il-familja **fiżika** li marret tfittxu flimkien ma' l-ulied l-oħra tagħha minn Ġużeppi. (Mark 6:1-6), imma *mhix* ommu f'sens **spiritwali**, fis-sens li Hu Alla**!** Dan mhux jien qiegħed ngħidu imma Ġesù Nnifsu. It-tagħlim ta' min se taċċetta int, dak tal-Knisja Kattolika Rumana jew dak tal-Mulej tiegħek, Ġesù Kristu? Jista' xi ħadd igiddeb lill-Mulej f'dak li Hu qal! (Tajjeb hawn li taqra Atti 5:29).

Minflok ma Ġesù laqa' t-talba ta' Marija Hu wieġeb b'tali mod li dan kien fl-effett rifront pubbliku. Mingħajr dubju kemm Marija kif ukoll ħutu ħassewhom imċanfra. Forsi Marija kienet tħossha mistħija dwar kif binha kien qiegħed jiġbed tant attenzjoni tal-folla u riedet li tiġbdu mill-folla, għaliex ir-rakkont ta' din il-ġrajja fil-Vanġelu ta' Mark jgħid hekk,

> "*Imbagħad mar id-dar, u l-kotra reġgħet inġemgħet, hekk li anqas biss setgħu jieklu.* ***Qrabatu*** *malli semgħu, ħarġu biex iżommuh, għax qalu li tilef moħħu*" (Mark 3:20-21; Verżjoni ta' l-Għaqda Biblika Maltija).

Il-Verżjoni Bibbja Saydon tgħid hekk:

> "*Imbagħad ġie d-dar, u reġgħet inġemgħet il-kotra, li anqas ma setgħu jieklu. Malli semgħu* ***niesu****, ħarġu biex iżommuh, għax qalu li tilef rasu*."

Tajjeb hawn li qabel inkomplu fuq is-suġġett tagħna nifhmu sewwa din is-silta. Il-kelma "*niesu*" **u mhux** "*qrabatu*" hija t-traduzzjoni korretta. It-test Grieg huwa "*hoi para autou*," jew tradott aħjar, "*dawk li jappartjenu lilu*,"

"*ħoi soi.*" Eżempju ta' dan insibuh f'Mark 5:19 fejn naqraw, dwar ir-raġel imxajtan f'Gerasa, u Ġesù fejqu,

> "*Iżda hu (Ġesù) ma ħalliehx, u qallu, 'Mur inġabar id-dar ma'* ***niesek****, u għidilhom kull ma għamel miegħek il-Mulej, u kif ħenn għalik.*"

Aktar tard "niesu" (f'Mark 3:20-21) huma identifikati bħala "**ommu u ħutu**" fl-istess kapitlu tlieta ta' Mark, versi 31 sa 35, meta huma waslu fid-dar fejn Ġesù kien. Dan ċertament li ma jistax jiġi miċħud.

Kif naqraw it-Testment il-Ġdid aħna nieħdu l-impressjoni li la Marija lanqas ħutu ma fehmu l-attivitajiet ta' Ġesù waqt li Hu kien hawn fuq l-art. Naqraw fi Ġwanni 7:5 *li "anqas ħutu ma emmnu fih.*"

Bħala tifel li kien qiegħed jikber fid-dar ta' Marija u Ġużeppi, Ġesù kien ubbidjenti lejhom. Imma wara li l-ministeru pubbliku Tiegħu beda, wara li Hu ppreżenta Lilu nnifsu bħala l-Iben ta' Alla u bħala s-Salvatur tad-dinja, Marija kellha tinħeba fl-isfond ta' wara x-xenarju. Huwa għal Ġesù **waħdu** li d-dinja għandha ddur għas-salvazzjoni tagħha! Mingħajr ebda dubju, Ġesù ta din iċ-ċanfira bi skop, ħalli d-dinja tkun taf li Marija kienet ommu **biss** bħala bniedem, u mhux bħala Alla!

Kieku Marija kellha l-influwenza u l-awtorità fuq Ġesù li huma mitluba mill-Knisja Kattolika Rumana, ċertament li Ġesù ma kienx sejjer iwieġeb bil-mod li wieġeb imma kien jonora t-talba tagħha mill-ewwel. Hawn, għal darb'oħra, għandna xhieda Skritturali minn fomm Ġesù Kristu Nnifsu li Marija m'għandha x'taqsam xejn mal-ministeru ta' l-Iben ta' Alla dwar dak li għandu x'jaqsam fil-materji tas-salvazzjoni! B'din l-istqarrija ta' Ġesù bir-rispett kollu jpoġġi lil Marija u lil ħutu l-oħra fl-istess livell ma' dawk l-oħra kollha li jikkonvertu. Għal Ġesù huma kollha kienu l-istess--"*Min huma ommi u ħuti?...Dawn araw, huma ommi u ħuti. Kull min jagħmel ir-rieda ta' Alla, dak huwa ħija, u oħti, u ommi!*" Tinsiex, għażiż qarrej, li dan il-kliem mhuwiex kliemi imma kliem il-Mulej tiegħek Ġesù Kristu! Bħala l-Iben ta' Alla u l-Feddej tal-bnedmin kollha, ir-relazzjoni Tiegħu għal Marija kienet identika għal kull persuna oħra li tisma' l-Kelma Tiegħu, u tagħmilha.

F'okkażjoni oħra mara qamet minn qalb il-folla u għolliet leħinha f'tifħir lil Marija. Naqraw f'Luqa 11:27-28, mill-verżjoni Kattolika ta' l-Għaqda Biblika Maltija:

> "*Huwa u jgħid dan, kien hemm waħda mara li għolliet leħinha minn qalb il-folla u qaltlu: "Hieni l-ġuf li ġiebek u s-sider li rdajt!" Iżda hu qalilha: "Imma tassew ngħidlek,* ***aktar*** *hienja dawk li jisimgħu l-kelma ta' Alla u jħarsuha!*"

Dan kien l-aktar attakk fin fost kollox, jappella, kif hu jagħmel, għas-sentimenti u l-emozzjonijiet li ħafna mexxejja reliġjużi llum jużawhom biex iwasslu t-tagħlim falz tagħhom. Din hija ħaġa li wkoll illum tonsob erwieħ mhux sodi f'li jaduraw mara, jiġifieri, il-qima lil Marija. Imma hawn ukoll il-Mulej tagħna jagħti tweġiba ċara u diretta u deċissiva li għandha tistabbilixxi għal dejjem il-kwistjoni tas-superjorità jew il-promozzjoni tal-kult ta' Marija mill-Knisja Kattolika Rumana. Ġesù ċaħad għal kollox l-idea li Marija tokkupa xi pożizzjoni ta' qdusija 'l fuq minn dik ta' nisa oħrajn, jew li hija kellha tkun inkurunata bħala "r-Reġina tas-sema" u ssir il-mira ta' qima. Issa hawn hija d-diffikultà l-kbira għal dawk li jgħallmu dak it-tagħlim kollu dwar Marija li mhuwiex Skritturali, "Temmen int li huma "***__aktar__*** *hienja dawk li jisimgħu l-kelma ta' Alla u jħarsuha*"? Aktar minn min? Isma' minn Ġesù u tkun taf!

Wara t-tlugħ fis-sema ta' Ġesù Kristu Marija tidher ma' ħutu u l-appostli u xi nisa oħra f'Ġerusalem (Atti 1:14), imma l-ebda unur speċjali jew pożizzjoni ma hija mniżżla bħala li kienet mogħtija lilha. Marija mhix fiha nfisha aktar minn kull mara oħra virtuża, ħlief li hija kienet magħżula speċjalment biex tkun l-omm ta' Ġesù bħala bniedem u biex tkun dik l-omm ħanina u li tħobb li hija kienet għal l-aktar Tifel ta' l-għaġeb li qatt kiber ġewwa dar.

Forsi dawn in-nies li għal l-ewwel darba bdew jużaw it-terminu "*omm Alla*" ħasbu li ma jkun hemm l-ebda ħsara li tonora lil Marija b'dan it-titlu ġdid. Madankollu, in-nies komplew jeżaltaw lil Marija aktar u aktar matul is-sekli. Eventwalment, ħafna nies bdew biex jadurawha bħallikieku hija kienet divinità! żbalji li kienu jidhru li huma żgħar u ta' bla ebda ħsara spiss wasslu għal żbalji akbar. **Mhuwiex** f'armonija mat-tagħlim tal-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa, li ssejjaħ lil Marija "*omm Alla*"!

Huwa li nżommu ma' l-Iskrittura Mqaddsa għalina li nsejħu lil Marija "*omm Ġesù*" imma **mhux** "*omm Alla.*" Aħna nistgħu nserrħu moħħna u nkunu assigurati li wieħed mill-appostli u kittieba ispirati kieku kien **żgur** li jsejħilha "omm Alla" jew li juriha fil-Kelma ta' Alla b'dan it-titlu li kieku dan kien **skond ir-rieda** Divina ta' Alla!

Ukoll ma hemm ebda raġuni fil-Bibbja biex insejħu lil Marija "*l-omm tagħna.*" Dan it-titlu huwa titlu ieħor li mhuwiex Skritturali. L-ewwel mara, Eva, kienet *imsejħa "omm il-ħajjin kollha*" (Ġenesi 3:20). Il-bnedmin kollha li qatt għexu ġew minn Adam u Eva. Imma Marija mhijiex l-omm fiżika tal-bnedmin kollha, u hija mhijiex l-omm tagħna spiritwalment (Mark 3:31-35).

Waqt li Ġesù dejjem kellem lil ommu bl-akbar rispett, Hu madankollu għamilha ċara li la hi u lanqas xi ħadd ieħor ma kellu xi parti fix-xogħol tas-salvazzjoni. L-ebda sempliċi bniedem **ma jista'** jassisti f'dak ix-

xogħol, u l-Iskrittura Mqaddsa hija attenta biex turi li l-ebda għajnuna jew dettar f'xi forma ma kien mogħti permess.

Meta Ġesù ħareġ barra mill-ħajja tad-dar (tal-familja) Tiegħu f'Nażaret u beda l-ministeru pubbliku Tiegħu, relazzjoni ġdida kienet imwaqqfa. Minn dak il-waqt 'il quddiem il-Missier sopranaturali Tiegħu kien enfasizzat. Għaliex Hu kien l-Iben il-waħdieni tal-Missier fis-smewwiet. Ġesù ċanfar it-tendenza żbaljata li tfittex biex teżalta r-relazzjoni umana għas-spejjeż ta' dik Divina, il-fiżiku għas-spejjeż ta' l-ispiritwali. Il-Kelma ta' Alla tgħidilna bl-aktar mod ċar li:

> "*F'ħadd ħliefu ma hemm salvazzjoni, għax imkien taħt is-sema ma hemm isem ieħor mogħti lill-bnedmin li bih aħna għandna nkunu salvi*" (Atti 4:12).

"*F'ħadd ħliefu*" u "*għax imkien taħt is-sema ma hemm isem ieħor*" "*li bih aħna għandna nkunu salvi.*" Jista' xi ħadd, li tassew irid ikun jaf il-verità, wara li jkun qara dan il-kliem ispirat mill-Ispirtu s-Santu, jkompli jemmen li hemm xi isem ieħor li jista' jsalva jew li għandu xi parti fis-salvazzjoni tagħna?

## IT-TBATIJA TA' ĠESÙ

Jintqal mill-Kattoliċi Rumani li Marija "*issieħbet ma' Binha fit-tbatija li kellu jġarrab biex jiksbilna l-fidwa.*"

Huwa tassew li Marija batiet ħafna bħala omm hekk kif rat lil Binha għaddej minn dik it-tbatija kollha u fl-aħħar sofra l-mewt. Liema omm ma tbatix f'sitwazzjoni bħal din! Imma t-tagħlim tal-Kattoliċi huwa li hi *kellha sehem fil-fidwa* tagħna! Dan huwa tagħlim li hu direttament kontra l-Iskrittura Mqaddsa, il-Kelma ta' Alla! Ħalli qabel ma nibdew niddiskutu xi ħaġa dwar dan is-suġġett, naqraw xi siltiet mill-Kelma Ta' Alla dwar it-tbatija li Ġesù Kristu għaddha minnha u l-fidwa li Hu kiseb għalina **b'demmu**.

Naqraw fil-Vanġelu ta' Ġwanni:

> "*Għax Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem. Għax Alla ma bagħatx lil Ibnu fid-dinja biex jagħmel ħaqq mid-dinja, imma biex id-dinja ssalva permezz tiegħu*" (Ġwanni 3:16-17).

Il-kittieb ta' l-Ittral lil-Lhud jgħid:

> "*Mela meta aħna għandna l-qassis il-Kbir, li hu tassew kbir, qassis li daħal fis-smewwiet, Ġesù Bin Alla, ħa nżommu sħiħa l-fidi tagħna u nistqarruha. Għax aħna ma għandniex qassis il-kbir li ma jistax jagħder id-dgħufija tagħna, imma*

*għandna wieħed li kien imġarrab bħalna f'kollox, minbarra fid-dnub. Ħa nersqu, mela, b'qalbna qawwija lejn it-tron tal-grazzja, biex naqilgħu ħniena u nsibu f'waqtha l-grazzja li naħtieġu*" (Lhud 4:14-16).

Inkomplu naqraw f'Lhud 9:13-15,

"*Jekk id-demm tal-mogħoż u tal-gniedes u l-irmied tal-għoġiela mraxxax fuq dawk li huma mniġġsa jista' jqaddishom billi jagħtihom l-indafa tal-ġisem, kemm aktar id-demm ta' Kristu, li bl-Ispirtu ta' dejjem offra lilu nnifsu bittma safja lil Alla, jista' jnaddaf il-kuxjenza tagħkom mill-għamil mejjet biex taqdu lil Alla ħaj! U għalhekk hu medjatur ta' patt ġdid, testment ġdid, biex, wara li seħħet il-mewt għall-fidwa tal-ħtijiet li saru fi żmien il-patt ta' qabel, dawk li huma msejħa minn Alla jiksbu l-wirt ta' dejjem li hu wegħidhom.*"

F'kapitlu 10:10-14 ta' l-Ittra lil Lhud inkomplu naqraw:

"*Bis-saħħa ta' din ir-rieda aħna konna mqaddsin, permezz ta' l-offerta tal-ġisem ta' Ġesù Kristu magħmula darba għal dejjem. Kull qassis ieħor imur kulljum biex jaqdi l-ministeru tiegħu, u joffri u jerġa' joffri l-istess sagrifiċċju, bla ma jistgħu qatt ineħħu d-dnubiet. Imma Kristu, wara li offra sagrifiċċju wieħed għad-dnubiet, qagħad għal dejjem fuq in-naħa tal-lemin ta' Alla, fejn qiegħed jistenna sa ma l-għedewwa tiegħu jitqiegħdu mirfes taħt riġlejh, għax hu b'offerta waħda għamel perfetti għal dejjem lil dawk li huwa jqaddes.*"

Il-punt prinċipali ta' kuntrast, li għanda f'vers 12, mhuwiex bejn is-sagrifiċċju wieħed u l-ħafna, imma bejn l-offerti ripetuti u ta' spiss tal-ħafna sagrifiċċji tal-Liġi, u l-offerta waħda tas-sagrifiċċju ta' Kristu. Kristu **waħdu** kiseb il-fidwa għall-bniedem.

"*Għax hu b'offerta waħda għamel perfetti għal dejjem lil dawk li huwa jqaddes*" (vers 14).

L-offerta waħda li Ġesù Kristu għamel Tiegħu Nnifsu hija biżżejjed. Permezz tagħha Hu għamel perfetti lil dawk li huwa jqaddes. Dawn huma dawk kollha li bil-fidi u b'ubbidjenza libsu 'l Kristu (Galatin 3:27) u li qamu Miegħu mill-qabar tal-magħmudija biex igħixu ħajja ġdida (Rumani 6:4; Kolossin 2:12; 3:1). Dawn kollha waslu għall-perfezzjoni *fi Kristu u fi Kristu biss.*

L-appostlu Pawlu jgħid fl-1 Timotju 2:5-7,

*"Għax wieħed hu Alla, u wieħed hu l-medjatur bejn Alla u l-bniedem, il-bniedem Kristu Ġesù, li ta lilu nnifsu bħala prezz tal-fidwa għal kulħadd; u x-xhieda ta' dan ingħatat f'waqtha. Hu għal dan li jien kont magħmul xandar u appostlu – qiegħed ngħid is-sewwa, miniex nigdeb - biex ngħallem lil-ġnus il-fidi u l-verità."*

Medjatur jieqaf bejn partijiet li jkun hemm nuqqas ta' qbil bejniethom, li huma tant mifrudin bejniethom li ma jistgħux jikkomunikwaw bejniethom ħlief permezz ta' medjatur. *"Il-bniedem Ġesù Kristu."* Dan il-kliem jenfasizza n-natura li fiha Ġesù Krsitu jaġixxi bħala medjatur. Huwa fl-umanità, in-natura komuni għall-bnedmin kollha, u għal dik ir-raġuni li dawk kollha li għandhom dik in-natura, Marija inkluduta, huma eliġibbli għas-sħubija fil-medjazzjoni Tiegħu. Hekk kif hemm Alla **wieħed**, l-istess hemm Med-jatur **wieħed:**

*"li ta lilu nnifsu bħala prezz għall-fidwa għal kullħadd."*

Il-prezz imħallas għall-fidwa tal-bnedmin kollha kien Ġesù Kristu Nnifsu. Dan il-prezz tħallas **għal kulħadd** u għal kulħadd tfisser dak li tgħid, **għal kulħadd**. Dan tħallas għalik, għalija u għall-bnedmin kollha nkluż Marija. Marija dan taċċettah bl-umiltà kollha fejn hija stess tgħid f'Luqa 1:47,

*"U l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-**Salvatur tiegħi**."*

Il-mistoqsija tiegħi hija din: "Min jeħtieġ **salvatur**? L-appostlu Pawlu jgħid b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu:

*"Bħalma kien permezz ta' bniedem wieħed li fid-dinja daħal id-dnub, u permezz tad-dnub il-mewt, u hekk il-mewt laħqet **il-bnedmin kollha, għax kollha dinbu**…"* (Rumani 5:12).

Għalhekk Marija ammettiet li kienet teħtieġ Salvatur għaliex kienet taf li "*l-bnedmin **KOLLHA** dinbu*" u "**kollha**" tinkludi lilha wkoll! Dan mhux jiena qiegħed ngħidu imma Marija nfisha, imma l-Kattoliċi jgħidulha: Le, Marija, int żbaljata, int m'għandekx bżonn lil Alla bħala s-Salvatur tiegħek, kif int qed tgħid! Lil min aħna se nemmnu, lil Marija jew lit-teologi tal-Knisja Kattolika Rumana? Meta xi ħadd igħid li Marija kienet mingħajr ebda dnub, kif tgħallem il-Knisja Kattolika Rumana, dan ikun ifisser li, bħala bniedem, Marija kienet "tajba." Imma isma' lil Mulej x'għandu xi jgħid dwar dan:

*"U wieħed kap staqsieh, qallu: Mgħallem tajjeb, x'għandi nagħmel biex niret il-ħajja ta' dejjem? U Ġesù qallu: Għax is-sejjaħli tajjeb? **ħadd mhu tajjeb ħlief wieħed, Alla waħdu**"* (Luqa 18:18-19).

Temmnu int li qiegħed taqra, lil Ġesù? Temmnu int li "***ħadd** **mhu tajjeb, ħlief wieħed, Alla wаħdu***"? U jekk "*ħadd mhu tajjeb*" dan ifisser li kulħadd hu midneb! Ġesù ma qalx li "ħadd mhu tajjeb ħlief Alla *u ommi Marija*," imma hu qal li "*ħadd mhu tajjeb* ***ħlief*** *Alla* ***waħdu***." Ma jurix il-kliem, "ħadd," "wieħed," u "waħdu" li Marija *ma' tistax* tkun inkluża ma' Alla? Forsi dan hu xi ftit iebes għal dawk li sa minn ċkunithom kienu kkondizzjonati bit-tagħlim żbaljat li Marija kienet mingħajr ebda dnub! Imma issa, li qiegħed tara l-verità direttament mill-Kelma ta' Alla u minn fomm il-Mulej, se tibqa' int tħaddan dak it-tagħlim żbaljat? (Ara Atti 5:29). Il-bniedem permezz tad-dnub biegħ lilu nnifsu bħala lsier tal-Ħażin. Ġesù sar mortali, xerred demmu, u miet biex jifdi lill-bniedem mill-jasar tad-dnub u tal-qabar. Ma' dan **l-ebda** uman ma jista' jkollu parti. (Ara minn paġna 24.)

Nisimgħu ukoll fit-tagħlim tal-Knisja Kattolika Rumana li aħna "**nin-xeħtu f'riġlejha fil-ħtiġijiet tagħna…**" Il-Kelma ta' Alla tgħidilna dan:

> "*Uliedi, dan qiegħed niktibhulkom biex ma tidinbux; imma jekk xi ħadd jidneb, għandna Difensur quddiem il-Missier, lil Ġesù Kristu, il-ġust. U hu jħallas għal dnubietna, mhux għal tana biss, iżda wkoll għal dawk tad-dinja kollha*" (1 Ġwanni 2:1-2).

Jista' jkun hemm tifsira aktar ċara minn din! **Wieħed** hu l-Medjatur bejn Alla u l-bniedem u **wieħed** hu d-Difensur, Ġesù Kristu **waħdu**. Għalkemm dawk li jimxu wara Kristu għandhom dejjem jirsistu biex jevitaw attività mindinba, madankollu, meta dan jiġri, huma m'għandhomx jiddisprаw; huma għandhom "Difensur," lil Ġesù Kristu l-ġust. Il-verb "għandna" hawn huwa sinjifikanti, fit-temp preżent (*echomen*), għalhekk letteralment ifisser "aħna nibqgħu li jkollna" rimedju dejjem preżenti għal l-atti iżolati ta' dnub li, minħabba d-dgħufija tagħna aħna nikkommettu. "Difensur" jew Avukat huwa wieħed li x-xogħol tiegħu huwa li jirrappreżenta lil xi ħadd fil-qorti. Ġesù Kristu biss jista' jirrappreżentana fil-qorti tas-smewwiet, jitlob għall-kawża tagħna quddiem it-tron tal-ġustizzja divina ta' Alla. L-**ebda** bniedem ma jista' jagħmel dan.

Fit-test il-Grieg ma hemmx l-artiklu quddiem il-kelma *ġust*. It-tifsira hija, Ġesù, wieħed ġust, jitlob il-kawża ta' dawk li mhumiex ġusti. It-talbiet biss ta' Difensur bħal dan jistgħu jkunu mismugħa. Difensur li huwa nnifsu jinsab fil-bżonn ta' interċessjoni ma jistax ikun ta' tama biex jinfluwenza lil l-Imħallef il-Kbir għal oħrajn. Dan jista' jagħmlu **biss** il-Mulej tagħna Ġesù Kristu u **ħadd aktar**. U dan mhux il-bniedem qiegħed jgħidu, **imma Alla nnifsu fil-Kelma Tiegħu!**

Temmen int, li kif diġà kkwotajt f'paġna 12, li tassew "***F'ħadd ħiefu ma hemm salvazzjoni***"? Temmen int li "***imkien taħt is-sema ma hemm***

***isem ieħor mogħti lill-bnedmin li bih aħna għandna nkunu salvi***”? It-teologi Kattoliċi Rumani dan ma jemmnuhx għaliex huma jgħallmu li hemm isem ieħor ukoll li permezz tiegħu aħna nistgħu nkunu salvi, dak ta’ Marija! Imma mhux hekk biss, ara sa fejn jaslu dawk li għalihom, il-Marija li ħolqu huma hija fuq kulħadd. Ara x’jintqal dwar il-“Madonna li Tħoll L-Għoqiedi tal-Ħajja” fl-istampa ta’ taħt:

Jintqal li “Eva bid-diżubbidjenza tagħha rabtet l-umanità b’għoqda ta’ għawġ u tbatija, għall-kuntrarju, Marija, bl-ubbidjenza tagħha, ħallet din l-għoqda.”

Jiena ċert li l-Mulej tagħna *jibki* meta jisma’ dan il-kliem. Jiena ċert ukoll li l-Marija li naqraw dwarha fil-Bibbja Mqaddsa *tibki* wkoll meta tisma’ dan il-kliem. Isma’ x’tgħid il-Kelma ta’ Alla dwar dan: “*Għax kif bid-diżubbidjenza ta’ bniedem wieħed il-ħafna saru midinbin, hekk ukoll bl-ubbidjenza ta’ wieħed il-ħafna jsiru ġusti*” (Rumani 5:19). Aqra Rumani 5, minn vers 12 sa 21. Bl-ubbidjenza ta’ Sidna Ġesù Kristu u mhux ta’ Marija jinħallu l-għoqiedi! Imma l-Kattoliċi jippreferu lil Marija tagħhom milli lill-Mulej!

Jintqal ukoll dan il-kliem: “F’idejk o Marija, nafdaw, **int biss** tista’ tgħinna. Ħoll għalhekk l-għoqiedi ta’ ħajjitna”. “**Int biss** tista’ tgħinna.” Taħseb int li Ġesù mhuwiex offendut b’dan il-kliem? Meta Ġesù jistieden lil kulħadd b’dan il-kliem:

> “*Ejjew* ***għandi****, intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin, u* ***jiena*** *nserraħkom. Ħudu fuqkom il-madmad* ***tiegħi*** *u tgħallmu* ***minni****, għaliex* ***jiena*** *ta’ qalb ħelwa u umli, u intom issibu l-mistrieħ għal ruħkom. Għax il-madmad* ***tiegħi*** *ħelu u t-toqol* ***tiegħi*** *ħafif*” (Mattew 11:28-30,enfasi tiegħi).

"F'idejk o Marija, nafdaw, **int biss** tista' tgħinna." Ifisser dan li l-istedina ta' Ġesù hija gidba, la "**int biss** tista' tgħinna"? Jekk le, u ċertament li le, għaliex "***imkien taħt is-sema ma hemm isem ieħor mogħti lill-bnedmin li bih aħna għandna nkunu salvi***" mela dak lil jintqal f'dik l-istampa dwar Marija huwa gidba! Wieħed ma jistax jaċċetta t-tnejn, jew waħda jew l-oħra! Il-Mulej jistieden lilna billi jgħidilna: "*Ejjew **għandi**..., u **jiena** nserraħkom... għaliex **jiena** ta' qalb ħelwa u umli, u intom issibu l-mistrieħ għal ruħkom....*" Għand min int lest li tmur, għand Ġesù jew għand dik il-Marija li ma nsibuhiex fil-Bibbja Mqaddsa imma ħolquha l-bnedmin? Dik il-Marija li naqraw dwarha fil-Bibbja Mqaddsa tgħidilna: "*Agħmlu kull ma jgħidilkom Hu*" (Ġwanni 2:5). Dik il-Marija li naqraw dwarha fil-Bibbja Mqaddsa tgħidilna: "*ħa jsir minni **skond kelmtek**!*" (Luqa 1:38). Imma l-Marija maħluqa mill-bnedmin tgħidilna: "Afdaw f'idejja għaliex **jiena biss** nista' ngħinkom." Tajjeb hawn li wieħed jaqra mill-gdid Atti 5:29 u mbagħad jiddeċiedi li min se jobdi.

## KONĊEPIMENT IMMAKULAT?

Id-domma tal-Konċepiment Immakulat, jew kif isejħulha xi wħud "Immakulata Kunċizzjoni" ġiet fl-eżistenza, għaliex il-Kattoliċi Rumani kkunsidrawha minħabba t-twemmin tagħhom fid-dnub tan-nisel jew oriġinali. Għalhekk biex wieħed jifhem id-dottrina hekk imsejħa "Immakulata Kunċizzjoni," l-ewwel għandu jitgħallem xi ħaġa dwar id-dottrina msejħa "dnub oriġinali."

Tertulljan għex mis-sena 160 għal 220 W.K., li kien wara li l-Bibbja kienet tlestiet, kompluta. Hu kien l-ewwel persuna li fformula d-dottrina "tad-dnub oriġinali." Hu għallem li kull tarbija **tiret il-ħtija** tad-dnub ta' Adam. Hu emmen li kull tarbija mwielda tinsab taħt il-kundanna ta' Alla minħabba d-dnub ta' Adam, ukoll qabel mat-tarbija tkun kbira biżżejjed biex **tikkommetti** xi att ta' dnub.

Id-dottrina ħolqot dillema fl-imħuħ ta' ħafna nies. Rigward il-ġisem uman Tiegħi, Ġesù kien dixxendent ta' Adam (Luqa 3:23-38; Rumani 1:3; Ġwanni 1:1-2,14; Lhud 2:14). Jekk kull dixxendent ta' Adam jiret il-ħtija tad-dnub, ma kienx Ġesù imwieled ħati tad-dnub? Ħaġa mhux maħsuba bħal din kienet kontradittorja għal Kattoliċi, u għalhekk ivvintaw id-dottrina tal-konċepiment immakulat, li tagħmel lil Marija ħielsa mid-dnub oriġinali u b'hekk tneħħi kull possibbiltà li dan jirtu Ġesù. Ukoll li kieku aħna kellna naċċettaw id-dottrina tad-dnub oriġinali bħala li hija tassew, aħna ma nistgħux nirċievu d-domma tal-konċepiment immakulat ta' Marija bħa-la li hija r-raġjunevoli! Billi l-idea kollha fl-invenzjoni ta' din id-domma kienet biex tagħmel li Ġesù jitwieled ħieles mid-dnub oriġinali, jidher li kien ikun aktar loġiku, sempliċi, u inqas ikkumplikat

teoloġikament għall-Knisja Kattolika Rumana li kieku ivvintat id-domma ta' **konċepiment immakulat ta' Ġesù**.

Eventwalment, il-bnedmin żviluppaw it-teorija li Alla naddaf id-dnub kollu **mill-ġuf ta' omm Marija**. Huma qalu li Alla għamel il-ġuf ta' omm Marija "immakulat"—nadif għal kollox. Huma għallmu li l-konċepiment ta' Marija kien "konċepiment immakluat." Dan kien ifisser ukoll li Ġesù ma kienx jista' jiret id-dnub ta' Adam mingħand Marija.

Fit-tnejn ta' Frar, fl-1849, Piju IX bagħat ittra lil ħafna mexxejja dwar "il-konċepiment immakulat." Hu qal li ħafna min-nies tiegħu għandhom "xewqa kollha ħrara" għal "ġudizzju solenni" li Marija kienet ikkonċeputa mingħajr id-dnub oriġinali. Kummissjoni ta' mexxejja kienet appuntata biex tistudja l-kwistjoni. Fl-erbgħa ta' Novembru, 1854, grupp ta' mexxej-ja naturalment iddeċieda favur l-idea---576 vot favur, u 4 voti kontra. Fit-tmiena ta' Diċembru, 1854, Piju IX pproklama: "...li l-aktar Verġni mbierka Marija kienet fl-ewwel waqt tal-konċepiment tagħha...ippriservata ħielsa minn kull tebgħa tad-dnub oriġinali...." Jekk jogħġbok innota li din id-dikjarazzjoni kienet magħmula **aktar minn sbatax-il seklu wara** li Alla kien lesta għal kollox il-Bibbja Mqaddsa.

Hija din id-dottrina tad-dnub oriġinali tassew jew falza? Jekk il-ħtija tad-dnub ma tistax tintiret, ma jkun hemm assolutament ebda ħtieġa għad-dottrina tal-"konċepiment immakulat."

Dak li l-Knisja Kattolika Rumana tgħallem u tfisser bħala dnub oriġinali **mhuwiex mgħallem** fl-Iskrittura Mqaddsa, fil-Kelma ta' Alla. Il-bniedem jista' jsofri l-konsegwenzi jew l-effetti tad-dnub imma **qatt** il-ħtija tad-dnubiet ta' bniedem ieħor! Il-ħtija tad-dnub ta' Adam tappartjeni lilu biss. Il-konsegwenza unika tad-dnub tiegħu, li ġiet fuq il-bnedmin kollha, hija l-mewt fiżika. L-appostlu Pawlu ispirat mill-Ispirtu s-Santu jgħid:

> "*Għaliex, jekk permezz ta' bniedem feġġħet il-mewt, bi bniedem ukoll iseħħ il-qawmien mill-imwiet. Għax bħalma l-bnemin kollha jmutu f'Adam, hekk ilkoll jiksbu l-ħajja fi Kristu*" (1 Korintin 15:21-22).

Marija ma kinetx eċċezzjoni għall-konsegwenza tad-dnub ta' Adam; għa-liex hija wkoll, kellha tiffaċċja l-mewt l-istess bħall-bnedmin kollha, turi li r-relazz-joni tagħha għad-dnub ta' Adam ma kinetx differenti minn dik tal-bqija ta' l-umanità. (Dwar il-mewt ta' Marija nħolqot leġġenda oħra, dik li Marija telgħet fis-sema bir-ruħ ul-ġisem, u dwar dan naraw aktar 'il quddiem). Il-mewt tagħha, għalhekk, tiċħad id-domma tad-dnub oriġinali u tal-konċe-piment immakulat.

Ġesù wkoll sofra l-effett tad-dnub ta' Adam billi miet fiżikament; imma billi għex ħajja mingħajr dnub, hu għaleb il-qabar fil-qawmien

glorjuż Tiegħu u għamilha hekk li l-bnedmin kollha–qaddisin u midinbin l-istess– ikunu miġjuba 'l quddiem mill-mewt u l-qabar, b'hekk iħassar l-effett tad-dnub ta' Adam fuq l-umanità. Mewta spiritwali, kastig ta' dejjem, huma msejħa f'Rivelazzjoni 21:8 "*it-tieni mewt.*"

Adam u Eva kienu l-ewwel raġel u mara, u n-nies **kollha** ġew minnhom. Minħabba d-dnub tagħhom fil-Ġnien ta' Għeden (Ġenesi 3): (1) Alla għamel it-twelid tat-tfal aktar muġugħ, u u poġġha lill-mara f'sottomissjoni lejn żewġha. Hu għamel ukoll ix-xogħol li tikseb l-ikel aktar diffiċli. (2) Il-familja umana tilfet l-injuranza tagħha dwar it-tajjeb u l-ħażin f'dak il-jum. Issa, l-għarfien tat-tajjeb u l-ħażin jiżviluppa f'kull persuna hekk kif hu jew hi jikbru għall-maturità mentali. (3) Id-dnub daħal fid-dinja f'dak f'dak il-jum (Rumani 5:12). Ix-xewqat tal-ġisem fiżiku tagħna iwass-luna biex nikkommettu d-dnub (Ġakbu 1:13-15; Rumani 8:5; Galatin 5:16-21; Efesin 2:3; 2 Pietru 2:18; 1 Ġwanni 2:15-17). Imma l-**ħtija** tad-dnub **ma tkunx** fil-ġisem tagħna meta nitwieldu. (4) Il-mewt daħlet fid-dinja permezz tad-dnub (Rumani 5:12). (5) **Il-familja umana kollha** tilfet l-Ġnies sabiħ ta' Għeden f'dak il-jum. L-ulied spiss jirtu **l-konsegwenzi** tad-dnubiet tal-Ġenituri tgħahom, imma **qatt il-ħtija**.

Jekk raġel għani jitlef l-art u l-flus tiegħu kollha f'ġurnata waħda fil-logħob, **id-dixxendenti kollha tiegħu** ikunu tilfu dawk il-ħwejjeġ f'dik l-istess ġurnata–ukoll id-dixxendenti tiegħu li **għad ma kinux twieldu**. Huma **ma** jsirux **ħatja** tal-logħob ta' l-antenati tagħhom, imma huma **tabil-ħaqq** isofru telfa kbira. Il-ħajja tagħhom tista' tkun diffiċli ħafna minħabba d-dnub ta' l-antenat tagħhom. Fl-istess mod, il-ħajja tagħna fuq l-art hija aktar diffiċli f'ħafna modi minħabba d-dnub ta' Adam u Eva.

Imma l-Bibbja ma tgħallimx li t-trabi jirtu l-ħtija tad-dnub ta' Adam, anzi tgħid il-kontra, fejn naqraw f'Eżekjel 18:20,

> "*Ir-ruħ li tidneb, din tmut; l-iben ma jbatix minħabba fid-dnubiet ta' missieru, u lanqas il-missier minħabba fid-dnubiet ta' ibnu. Il-ġustizzja tal-bniedem ġust tiqieslu għalih ġid; u l-ħażen tal-bniedem ħażin jitqieslu għalih kastig.*"

Ċertament li dan hu ċar biżżejjed biex jurina li kull min jagħmel id-dnub hu ħati tad-dnub tiegħu stess u mhux ta' xi dnub li wiret mingħand xi ħadd ieħor!

Ġesù nnifsu ċaħad id-dottrina tad-dnub oriġinali meta Hu stess ħabbar l-innoċenza u s-safa tat-tfal, fejn qal li biex wieħed jidħol fis-saltna tas-smewwiet dan għandu jsir bħat tfal iż-żgħar. Hu qal hekk:

> "*U Ġesù qalilhom: 'ħalluhom it-tfal iż-żgħar jiġu għandi, u la żżommuhomx, għax ta' min hu bħalhom hija s-saltna tas-smewwiet*" (Mattew 19:14)

Ġesù reġa' qal:

> "*Tassew ngħidilkom, li jekk intom ma terġgħux issiru bħast tfal iż-żgħar, żgur li ma tidħlux fis-saltna tas-smewwiet*" (Mattew 18:3-5).

F'kuntrast għal l-attitudni tal-Mulej lejn it-tfal, osserva l-attitudni Kattolika, li tiddeskrivi l-istat tat-tfal bħala li huma "nieqsa mill-grazzja ta' Alla." *(Yes, Mary the Mother of God Will Help You* [Knights of Columbus Religious Information Bureau, St. Louis, 195], p. 25) Jekk l-istat tat-tfulija ma "jogħġobx lill-grazzja ta' Alla," imbagħad l-istat li tkun fis-salt-na tas-smewwiet ukoll ma jogħġobx lil Alla, għaliex Ġesù jgħid dwar it-tfal,

> "*Ta' min hu bħalhom hija s-saltna tas-smewwiet*" (Mattew 19:14).

Kemm hu differenti t-tagħalim tal-Mulej mit-tagħlim Kattoliku Ruman! It-tagħlim tal-Mulej juri ħniena, imħabba u konfort waqt li t-tagħlim Kattoliku Ruman ma juri xejn ħlief dieqa u krudeltà lejn it-trabi u l-ġenituri tagħhom!

Wara lid-dinja tkun meqruda, kull persuna tkun iġġudikata skond l-zzjonijiet tagħha stess, mhux bl-azzjonijiet ta' l-antenati tiegħu. L-ispirazzjoni tgħidilna hekk:

> "*Jinħtieġ li lkoll kemm aħna nidhru qud-diem it-tribunal ta' Kristu, ħalli* ***kulħadd jieħu skond it-tajjeb jew il-ħażin li jkun għamel meta kien għadu ħaj fil-ġisem***" (2 Korintin 5:10).
>
> "*Għalhekk kull wieħed minna għad* ***jagħti kont tiegħu nnifsu*** *lil Alla*" (Rumani 14:12).
>
> "*U rajt il-mejtin kbar u żgħar, quddiem it-tron. U nfetħu l-kotba. Infetaħ ukoll ktieb ieħor, dak tal-ħajja. Imbagħad il-mejtin sar ħaqq minnhom* ***fuq l-egħmejjel tagħhom****, skond ma kienu mniżżla fil-kotba*" (Apokalissi 20:12).

Il-Bibbja ma tgħid **assolutament xejn** dwar "konċepiment immakulat." **It-trabi kollha** huma mwielda **mingħajr** il-ħtija tad-dnub, inkluż Marija u Ġesù!

Ġesù, il-Medjatur bejn Alla u l-bniedem, Bin il-bniedem kif ukoll l-Iben ta' Alla—kellu jkun mogħti ġisem tal-laħam bl-istess xejriet li jinsabu fl-irġiel normali kollha, li jfisser li ommu kellu jkollha l-istess natura bħal nisa oħra. Kif kien jista' Ġesù jkun eżempju għalina jekk fil-ġisem Tiegħu ma kienx hemm l-ebda tqanqil li jista' jwassal għad-dnub? Billi kien sottomess għall-istess tentazzjonijiet ikkonfrontati mill-bnedmin

inġene-rali, madankollu billi Hu rreżista l-inklinazzjonijiet midinba tal-ġisem u għex ħajja perfetta, Ġesù sar il-Qassis il-Kbir ta' dehen għalina. Naqraw f'Lhud 4:15,

> "*Għax aħna ma għandniex qassis il-kbir li ma jistax jagħder id-dgħufija tagħna, imma għandna wieħed li kien imġarrab bħalna f'kollox, minbarra fid-dnub*."

Ġenesi 3:15 hu test ta' prova favorità użat mill-Kattoliċi fl-attentat tagħhom biex jagħmlu l-konċepiment Immakulat dottrina Skritturali. L-argument li huma jagħmlu minn dan il-vers huwa bbażat fuq it-traduzzjoni tal-verżjoni Vulgat (meħuda mill-interpretazzjoni falza *tal-Protevangelium ta' Ġakbu*), li tgħid,

> "*…hi tisħaqlek rasek u int tħebb għal għarquba*."

Din it-traduzzjoni hija mwaqqa' billi wieħed jara dak li jgħid it-test korrett Lhudi, li jeqred kull argument minn din is-silta favur it-tagħlim tal-konċepiment immakulat. It-traduzzjoni ta' l-Għaqda Biblika Maltija taqra hekk:

> "*U jien inqajjem mibegħda bejnek u bejn il-mara, bejn nislek u nisilha, u hu jisħaqlek rasek u int tisħaqlu għarqubu*" (Ġenesi 3:15).

Il-Kattoliċi jagħmlu interpretazzjoni arbitrarja ta' Luqa 1:28 bħala prova tad-domma: "Il-kliem ta' l-Anġlu Gabrijel, 'Sliem għalik, mimlija bil-grazzja,' huma tassew fis-sens kollu tagħhom biss kemm-il darba aħna nemmnu li l-Verġni Mbierka kienet 'ikkonċeputa mingħajr dnub, immakulata" (Conway, *op. ċit.* P. 337). Jekk "mimlija bil-grazzja" (traduzzjoni Kattolika) applikata għal Marija hija prova li Marija hija Immakulata Kunċizzjoni, imbagħad Stiefnu, l-ewwel Kristjan martri, kien ukoll ikkonċeput mingħajr dnub, ikkonċeput immakulat, għaliex huwa muri bħala li "*hu kollu grazzja*" f'Atti 6:8 fejn naqraw hekk:

> "*Stiefnu, **kollu grazzja** u qawwa, kien jagħmel mirakli u sinjali kbar fost il-poplu*."

Nistaqsi jien: Jgħallmu l-Kattoliċi li Stiefnu kien ikkonċeput b'mod immakulat għaliex jintqal, **l-istess** kif jintqal għal Marija, li hu kien "*kollu grazzja*"? Minn dan naraw kemm din id-dottrina mhix Skritturali.

F'Efesin 1:6, l-appostlu ispirat jitkellem dwar il-**Kristjani kollha bħala li huma mjimlija bil-grazzja**. Naqraw:

> "*Għat-tifħir tal-glorja tal-grazzja tiegħu, li **biha mliena** fil-Maħbub tiegħu*."

Ir-relazzjoni tagħna ma' Alla tirriżulta minn Alla jkun ħanin magħna. Il-grazzja Tiegħu hija favur mhux meritat u ma jisħoqqx li Hu xerred fuqna.

Għalhekk, il-Kristjani huma "*mimlija bil-grazzja.*" Ma hemm xejn aktar jew inqas implikat f'dan il-kliem.

Id-dottrina ta' l-Immakulata Kunċizzjoni kellha storja twila u varja. Din ma kinetx magħrufa għall-knisja appostolika, u saħansitra lanqas ma kienet xi affari ta' diskussjoni sa bosta sekli wara l-mewt ta' Marija. Din ma saritx dottrina uffiċjali sas-sena 1854, aktar minn tmintax-il seklu wara li Kristu kien twieled mill-verġni Marija, u għalhekk hija waħda mid-dottrini ta' wara tal-Knisja Kattolika Rumana. Il-Konċilju ta' Efesu, 431, uża l-espressjoni, "Omm Alla," imma l-iskop tiegħu kien biex jenfasizza d-divinità ta' Kristu, mhux biex ipoġġi 'l quddiem dottrinali tikkonċerna lil Marija. Imma l-opinjoni popolari rraġunata illi ladarba t-twelid ta' Ġesù ġara mingħajr tebgħa ta' dnub, Marija nfisha kellha tkun mingħajr dnub, ukoll mingħajr id-dnub oriġinali, li huwa fuq il-bnedmin l-oġra kollha.

Santu Wistin, li miet fis-sena 430 W.K., u li kien aċċettat bħala l-akbar u l-aqwa teologu tal-knisja ta' l-antik, jikkontradixxi l-idea ta' konċepiment immakulat, għaliex hu jiddikjara ċar li l-ġisem ta' Marija kien "ġisem tad-dnub" *(De Peċċatorum Meritis*, ii. c. 24); ukoll li "Marija, ħierġa minn Adam, mietet minħabba d-dnub; u l-ġisem tal-Mulej tagħna ġej minn Marija, miet biex ineħħi d-dnub." Huwa biċ-ċar attribwixxa d-dnub oriġi-nali lil Marija *fil-Priedka fuq Salm 2* tiegħu. Id-dottrina kienet opponuta minn Chrysostom, Eusebius, Ambrose, Anselm, minn ħafna mill-iskulari medjuvali, inkluż San Tumas Aquinas, minn Bonaventura, il-Kardinal Caj-etan, u wkoll minn tnejn mill-aqwa papiet, Gregorju l-Kbir, u Innocent III.

San Tumas Aquinas jgħid li waqt li Kristu ma ħax id-dnub oriġinali fl-ebda mod li jista' jkun, madankollu "l-Verġni mbierka" ħadet id-dnub oriġinali, imma kiene timnaddfa minnu qabel it-twelid tagħha" (*Summa Theol. III*, ad 2; Quest. 27, Art. 1-5); u wkoll li, "Għandu jkun miżmum, għalhekk, li hija kienet ikkonċeputa fid-dnub oriġinali, imma kienet im-naddfa minnu f'mod speċjali" (*Compendium Theol*., p. 224).

Geddes MacGregor, fil-ktieb tiegħu, *The Vatican Revolution*, jgħid:

> "Tant kienet qawwija l-oppożizzjoni ta' San Tumas (Aquinas) għad-dottrina li din saret kważi punt ta' unur matul l-Ordni Dumnikana li topponi l-idea bħala teoloġikament ma tistax tkun miżmuma. Il-Franġiskani, iżda li jimxu wara Duns Sctous, kienu aktar inklinati li jħaddnu l-idea, u l-Ġiżwiti, aktar wara, għamluha bħala wieħed mill-interessi speċjali li jagħmlu hekk. Jekk il-Papa Piju IX kien sewwa, ħalli biss l-infallibiltà, tidher ta' sogħba li t-teologi mgħallma tal-Kristja-neżmu kienu ġew imħollija għal tmintax-il mitt sena b'marka ta' nuqqas bħal dan ta' gwida fuq is-suġġett li

> mhux biss huma żbaljaw fuqu imma żbaljaw kważi fil-proporzjon għal l-istatura tagħhom bħala l-mexxejja tal-ħajja in-tellettwali tal-knisja, id-dawl fil-firmament tal-moħħ tagħha." (p. 9; Beacon Press, Boston; Mcmillan & Co., Ltd., London and Toronto).

Id-disputa bejn id-Dumnikani u l-Franġiskani saret tant ħarxa li l-Papa Sixtus IV eventwalment ħa f'idejh u pprojbixxa milli jsiru aktar diskuss-jonijiet, mingħajr ma ddeċieda l-kwistjoni favur ta' xi naħa. Il-Konċilju ta' Trentu, iżda, issejjaħ primarjament biex jittratta mal-problemi li qamu minħabba r-Riforma Protestanta, kien mitlub mill-Papa Piju IV biex jagħ-mel dikjarazzjoni, imma ħalla l-kwistjoni mingħajr ma kienet mimsusa.

Madankollu, l-idea li Marija kienet mingħajr dnub kompliet tirbaħ app-oġġ. Membri ta' l-ordni tal-Ġiżwiti bdew mill-ġdid jagħmlu propaganda ta' din id-dottrina, u kien wisq permezz tax-xogħol tagħhom li ħareġ dig-riet mill-Papa Piju IX, fis-sena 1854 (liema konċilju wkoll irratifika d-digriet dwar l-infallibiltà tal-Papa f'materji ta' fidi u morali).

Il-biċċa l-kbira tat-teologi taż-Żminijiet tan-Nofs opponew id-dottrina għaliex huma ma kinux jistgħu jarmonizzawha ma' l-universalità tad-dnub oriġinali. Il-biċċa l-kbira minnhom żammew li jekk Marija ma kelliex sehem mid-dnub u l-appostasija tar-razza hi ma kinetx tista' tkun il-punt ta' kuntatt bejn id-Divinità u l-umanità kif kien meħtieġ min-natura umana ta' Kristu. Għalhekk, f'dan il-każ, ukoll it-tradizzjoni, ir-refuġju tas-soltu tal-Knisja Kattolika Rumana f'materji ta' dottrina, ikkontradixxiet din id-domma papali!

B'hekk, Marija issa hija mpoġġija fuq l-istess livell ta' egwaljanza asso-luta ma' Ġesù Kristu, dwar dak li għandu x'jaqsam mal-purità. Bħad-dottrini l-oħra tal-Knisja Kattolika Rumana, din jintqal li hija bbażata fuq "il-kunsens unanimu tal-missirijiet." Għalkemm it-tħaqqiqa fir-realtà kom-pliet għal sekli sħaħ u kienet f'waqtiet ħarxa, din hija aċċettata mill-Katto-liċi Rumani kollha llum, għaliex il-proklama uffiċjali tal-Papa ma tħalli-homx jagħmlu mod ieħor. Għax ma dan id-digriet kien hemm maħruġa wkoll kundanna lil xi ħadd li jipprova biex ma jemminx dan:

> "Għaldaqstant, jekk xi wħud jippresumu biex jaħsbu f'qalb-hom xi ħaġa oħra barra minn dak li aħna fissirna (li Alla jipprojbixxi), dawn għandhom ikunu jafu u jifhmu sewwa li huma jkunu bil-ġudizzju tagħhom infushom ikkundannati, *ikunu għamlu tifrika dwar il-fidi* u tbiegħdu mill-għaqda tal-Knisja; u barra minn dan, li huma, sewwasew b'dan l-att, jis-suġġettaw lilhom infushom għall-penalitajiet ordnati mil-liġi, jekk, bil-kelma, jew kitba, jew bil-mezzi l-oħra esterni, huma jippruvaw biex ifissru dak li huma jaħsbu f'qalbhom."

X'eżempju ta' qilla ta' dottrina falza u tirannija ekkleżjastika huwa dan! Dan huwa sewwasew dak li l-appostlu Pietru, ispirat mill-Ispirtu s-Santu, ikkundanna, fejn naqraw fl-Ewwel Pietru 5:3,

> "*Mhux bħallikieku taħkmu bil-qawwa fuq dawk li messewkom b'xortikom, imma billi tkunu eżempju tal-merħla. Imbagħad, meta jidher ir-Ragħaj il-Kbir, tiksbu l-kuruna tal-glorja minsuġa minn ward li ma jidbielx*"

Kemm hu differenti minn dak li Alla, fil-Kelma Tiegħu, il-Bibbja Mqaddsa, jgħidilna permezz ta' l-eżempju dwar x'għamlu n-nies ta' Berea u kif għandna nagħmlu aħna dwar xi tagħlim ġdid:

> "*Dawn il-Lhud kienu nies ta' qalb kbira aktar minn dawk ta' Tessalonika; huma laqgħu l-kelma bil-ħeġġa kollha, u kuljum bdew iqallbu l-Iskrittura biex jaraw jekk dak li semgħu kienx minnu*" (Atti 17:11).

Il-mistoqsija li jiena nagħmel hawn hija din: "Għaliex xi Kattoliku Ruman għandu jħaddan dik id-dottrina meta l-aqwa għalliema tal-knisja tiegħu stess irriġettawha? U aktar u aktar, għaliex xi ħadd għandu jemminha meta l-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa ma tgħallimiex?

L-ebda appoġġ ma jista' jinstab għad-dottrin ta' l-Immakulata Kunċizzjoni fl-istorja tal-knisja tal-bidu jew fit-tagħlim ta' l-Iskrittura Mqaddsa. Fil-fatt, tabilħaqq, bosta Papiet kienu ċaħdu din id-dotrtrina.

Aniceto Sparagna, li kien qassis Kattoliku Ruman, iddokumenta l-oppo-żizzjoni ta' ħafna mill-missirijiet tal-knisja u ta' xi Papiet tal-bidu dwar l-idea li Marija kienet mingħajr tebgħa tad-dnub. Fost dawn hemm San Bernard, Santu Wistin, San Pietru Lombard, San Bert il-Kbir, San Tumas Aquinas, u Sant Antnin. Hu jiddokumenta wkoll stqarrijiet minn bosta Papiet li jew direttament jew indirettament juru li huma qatt ma emmnu fl-Immakulata Kunċizzjoni. Per eżempju:

> Il-Papa Ljun I (400): "Il-Mulej Ġesù Kristu waħdu fost l-ulied tal-bnedmin kien imwieled immakulat."
>
> (Priedka 24 *f'Nativ. Dom.*)
>
> Il-Papa Gelasius (492): "Jappartjeni waħdu għall-Ħaruf Immakulat li ma jkollu l-ebda dnub għal kollox."
>
> (*Gealssii Papae Diċta*, vol. 4, col. 1241, Pariġi 1671).
>
> Il-Papa Innocent III (1216): "Hija (Eva) kienet ipprodućuta mingħajr dnub, imma hi ġabet 'il quddiem fid-dnub; hija

(Marija) kienet ipproduċuta fid-dnub, imma hi ġabet 'il quddiem mingħajr dnub."

(*De Festo Assump.*, priedka 2).

(Aniceta M. Sparagna, *Personal Evangelism AmonG Roman Catholics*, College Press, Joplin, Missouri, U.S.A.)

Jekk Marija kienet mingħajr ebda dnub u dan huwa rivelazzjoni ta' Alla, aħna nistennew li l-Iskrittura Mqaddsa taffermah dan, jew għallinqas li ma jkunx fiha xi stqarrijiet li jkunu f'konflitt ma' din ir-rivelazzjoni ġdida! Qabel ma nkomplu neżaminaw ix-xhieda ta' l-Iskrittura Mqaddsa, jeħtieġ li l-ewwel inpoġġu xi pedamenti.

L-ewwel, meta Alla ried li jgħid li eċċezzjoni għar-regola kienet teżisti Hu għamel dan ċar għal kollox. Per eżempju, Ġesù għallem illi ż-żwieġ kien rabta għal kemm il-ħajja ddum. Hu ma waqafx hawn, iżda, semma l-eċċezzjoni għal dik ir-regola: **Adulterju**. Ġesù qal:

"*U jien ngħidilkom: Kull min ikeċċi lil martu, **ħlief** minħabba ż-żena, u jiżżewweġ oħra, jikkommetti adulterju*" (Mattew 19:9).

It-tieni, il-Kristjani jemmnu li aħna lkoll midinba. Ma jeżisti ebda argument fuq dan il-punt. **Ġesù** Nnifsu Hu l-eċċezzjoni għal dik ir-regola. Hu biss kien mingħajr dnub. Il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa tgħidilna dan dwar Ġesù:

"*Għax aħna ma għandniex qassis il-kbir li ma jistax jagħder id-dgħufija tagħna, imma għandna wieħed li kien imġarrab bħalna f'kollox, **minbarra fid-dnub***" (Lhud 4:15).

Minn dawn iż-żewġ eżempji wieħed jista' jara li meta kien hemm eċċezzjoni għar-regola, Alla stqarr dik l-eċċezzjoni. Issa ħalli nkomplu fl-istħarriġ tagħna.

It-tnejn, kemm l-appostlu Pawlu kif ukoll l-appostlu Ġwanni jeskludu xi possibbiltà ta' konċepiment immakulat. Iggwidati mill-Ispirtu s-Santu, huma jiddikjaraw:

"***Ħadd, ebda wieħed**, ma hu ġust:...*" (Rumani 3:11).

"***Il-bnedmin <u>kollha</u> dinbu** u ċċaħdu mill-glorja ta' Alla*" (Rumani 3:23).

"*Bħalma kien permezz ta' bniedem wieħed li fid-dinja daħal id-dnub, u permezz tad-dnub il-mewt, u hekk il-mewt laħqet **il-bnedmin <u>kollha</u>**, għax **<u>kollha</u> dinbu**...*" (Rumani 5:12).

"*Għax bħalma **l-bnedmin <u>kollha</u> jmutu** f'Adam, hekk ilkoll jiksbu l-ħajja fi Kristu*" (1 Korintin 15:22).

“*Jekk ngħidu li m’għandniex dnub, inkunu qegħdin inqarrqu bina nfusna, u l-verità ma tkunx fina*” (1 Ġwanni 1:8).

“*Jekk ngħidu li ma dnibniex, inkunu qegħdin ingiddbuh, u kelmtu ma tkunx fina*” (1 Ġwanni 1:10).

Kif diġa rajna qabel, ix-xhieda ta’ Marija nfisha hija f’armonija sħiħa mat-tifsira ta’ l-Iskrittura Mqaddsa. Jekk aħna konnha nkunu nistgħu nistaqsuha: “Temmen int fid-dottrina ta’ l-konċepiment immakulat? hija żgur li tiċħad twemmin f’dik id-dottrina fil-mod li se nkomplu naraw kif diġa aċċennajt għalih.

L-ewwel, meta Marija marret iżżur lill-kuġina tagħha Elisabetta, hija qalet,

“*Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, u l-ispirtu tiegħi jifraħ f’Alla s-Salvatur tiegħi*” (Luqa 1:46-47).

Fuq ix-xhieda tal-kliem ta’ Marija nfisha, hija tagħraf u tammetti l-bżonn tagħha għal Salvatur! Min jeħtieġ Salvatur? Ħadd aktar minn midneb ma jeħtieġ Salvatur, għaliex l-ebda kastig jew deni f’xi forma ma jista’ jkun impoġġi fuq persuna mingħajr dnub. Il-Kattoliċi Rumani għandhom jieħdu l-kelma ta’ Marija jew jakkużaw lil Marija b’gidba! Għaliex f’dak il-kliem hija stqarret li kienet midinba, bħal kull bniedem ieħor u *fi bżonn ta’ Salvatur*. Dan għandu **jistabbilixxi darba għal dejjem** jekk Kristjan għandux jew m’għandux jitlob lil Marija. Marija kienet karattru ta’ min jammirah, biex inkunu żguri. Imma hija kienet biss umana. Kien, għalhekk, neċessarju għaliha li titwieled mill-ġdid mill-Ispirtu u biex tipparteċipa fil-fidwa pprovduta minn Ġesù Kristu. Marija kienet fl-aħjar pożizz-joni li tkun taf jekk hi kinetx midinba jew le.

It-tieni, l-azzjoni ta’ Marija wara t-twelid ta’ Ġesù turi li hi emmnet li kellha l-ħtieġa tagħmel offerta għad-dnubiet tagħha. Wara t-twelid ta’ Ġesù, iż-żmien tal-purifikazzjoni tagħha wasal u hija marret fit-tempju u offriet is-sagrifiċċji xierqa li kienu ordnati mil-liġi ta’ Mosè. L-offerti tas-sagrifiċċji għamlu lil Marija ċeremonjalment nadifa. Huma wkoll identifikawha bħala midinba, fatt li hija ma ċaħditux! Il-liġi ta’ Mosè kien fiha dawn l-istruzzjonijiet:

“*...Din hi l-liġi għall-mara li tiled tifel jew tifla. U jekk ma tlaħħaqx biex tagħti ħaruf, tieħu żewġ gamimiet jew żewġt ifrieħ tal-ħamiem, wieħed għall-ħruq u l-ieħor għas-sagrifiċċju tal-ħtija (tad-dnub), u jaqlgħalha l-maħfra l-qassis, u tindaf.*” (Levitku 12:7-8 [traduzzjoni Bibbja Saydon])

Naqraw f’Luqa 2:22-24:

“*Wara li għalqilhom iż-żmien għall-purifikazzjoni tagħhom skond il-liġi ta’ Mosè, ħaduh Ġerusalem biex jippreżentawh*

*lill-Mulej, kif hemm miktub fil-liġi tal-Mulej, li 'kull tifelli jiftaħ il-ġuf, jiġi kkonsagrat lill-Mulej,' u biex joffru b'sagrifiċċju 'par gamiem jew żewġ bċieċen,' kif jingħad ukoll fil-liġi tal-Mulej.*"

Dan juri li Marija obdiet u mxiet skond il-Liġi ta' Mosè u offriet l-offerta għad-dnub tagħha billi kienet taf li hija midinba u fil-bżonn ta' Salvatur, kif fil-fatt, hi stess sostniet f'Luqa 1:47. Aħna ma nkunu qegħdin nonoraw lil Marija billi ngħidu xi ħaġa xi ħaġa oħra li mhix dak li tgħid il-Kelma ta' Alla dwarha, ikunu kemm ikunu tajba l-intenzjonijiet tagħna!

Kif diġa tennejt, il-Bibbja **qatt** ma tgħid li Marija jew xi persuna oħra għexu ħajja ta' mingħajr ebda dnub, barra minn Ġesù Kristu. F'Ekkleżjażti 7:20 naqraw:

"*Tassew, m'hemm ħadd ġust fid-dinja li jagħmel is-sewwa u ma jidnibx.*"

Salamun qal,

"*...għax m'hawnx bniedem li ma jidnibx...*" (1 Slaten 8:46).

L-uniku wieħed li dwar jintqal fil-Bibbja bħala li jkien għal kollox mingħajr dnub huwa Ġesù Kristu. Il-Bibbja tirriferi Għalih bħala:

"*Qaddis, innoċenti, safi, maqtugħ mill-midin-bin*" (Lhud 7: 26).

"*...vittma safja...*" (Lhud 9:14).

"*Il-Qaddis tiegħek...*" (Atti 2:27).

"*Il-Qaddis u l-Ġust...*" (Atti 3:14).

Il-Bibbja tgħidilna, fit-2 Korintin 5:21, li Ġesù Kristu hu:

"*Dak li ma kienx jaf x'inhu dnub*"

"*...wieħed li kien imġarrab bħalna f'kollox, minbarra fid-dnub*" (Lhud 4:15).

"*...hu, li ma hemm l-ebda dnub fih*" (1 Ġwanni 3:5).

Ċertament li kieku Marija ma kellha l-ebda dnub il-Bibbja kienet tagħmel xi stqarrija bħal dawn dwarha!

Pelagius (madwar 370 W.K.) għallem li Marija qatt ma kkommetiet xi dnub. Imma hu **ma setgħax li jkun jaf** li Marija kienet mingħajr dnub. Min qallu! Żgur li mhux il-Kelma ta' Alla! Ebda persuna ma għandha s-setgħa li tkun taf **kull azzjoni** tal-ħajja ta' Marija, u **kull ħsieb** ta' qalbha! **Alla biss** jista' li jkun jaf dawk il-ħwejjeġ dwar Marija u għaliex jaf dan Hu jgħid fil-Kelma Tiegħu:

"*Ħadd, ebda wieħed, ma hu ġust...m'hemm l-anqas wieħed ...kulħadd dineb.*" (Rumani 3: 10-12; 5:12).

Billi Alla ma rrivelax dan fil-Bibbja, aħna m'għandna l-ebda raġuni biex nemmnu li Marija għexet ħajja għal kollox mingħajr ebda ħtija tad-dnub.

## MARIJA U L-MEWT

Il-Knisja Kattolika Rumana tgħallem li Marija lanqas ma kellha taqa' taħt il-ħakma tal-mewt. X'tgħidilna l-Iskrittura Mqaddsa dwar dan? Ħalli naraw x'tgħid. F'Rumani 5:12, naqraw:

> "*Bħalma kien permezz ta' bniedem wieħed li fid-dinja daħal id-dnub, u permezz tad-dnub il-mewt, u hekk il-mewt laħqet il-bnedmin kollha, għax kollha dinbu*" (Rumani 5:12).

Naqraw ukoll:

> "*Għaliex, jekk permezz ta' bniedem feġġet il-mewt, bi bniedem ukoll iseħħ il-qawmien mill-imwiet. Għax bħalma l-bnedmin* ***kollha*** *jmutu f'Adam, hekk* ***ilkoll*** *jiksbu l-ħajja fi Kristu*" (1 Korintin 15:21-22; enfasi tiegħi).

Jista' l-kliem ikun aktar ċar minn hekk? Ċertament li dawn iż-żewġ siltiet juru ċar li **l-bnedmin kollha** kienu milħuqa mill-mewt, **il-bnedmin kollha** jmutu f'Adam. Marija ma kinetx xi eċċċezzjoni għall-konsegwenza ġenerali tad-dnub ta' Adam; għaliex hija wkoll, kellha tmut bħall-bnedmin kollha. Dan juri li r-relazzjoni tagħha għad-dnub ta' Adam ma kinetx differenti minn dik tal-bqija ta' l-umanità. Dak li l-bniedem tilef permezz tad-dizzubbidjenza ta' Adam huwa kiseb permezz ta' l-ubbidjenza ta' Ġesù Kristu. Naqraw f'Rumani 5:13-14,

> "*Kienet għadha ma wasletx il-liġi, id-dnub kien ġa fid-dinja: imma d-dnub ma kienx magħdud, ladarba liġi ma kienx hemm. Madankollu l-mewt saltnet ukoll minn Adam sa Mosè, imqar fuq dawk li ma waqgħux fid-dnub li fih kien waqa' Adam, li kien xbieha ta' dak li kellu jiġi.*"

Mill-ħin li Adam u Eva dinbu, id-dnub kien fid-dinja; imma d-dnub mhuwiex imwaħħal jew ħtija impoġġija fuq individwu fejn ma hemmx liġi. Id-dnub huwa l-ksur tal-liġi (1 Ġwanni 3:4); fejn ma hemmx liġi*, ma jistax li jkun hemm il-ksur tal-liġi*. Dan, iżda, ma kienx ifisser li fid-dinja ma kienx hemm dnub; meta l-bniedem jagħmel dak li hu ħażin, l-att huwa midneb, kemm jekk il-liġi kient mifruxa biex tħaddanhom jew le. Għalkemm huma jeħilsu l-penalità, dan ma jfissirx li l-azzjonijiet tagħhom mhumiex ħżiena. Għalkemm mhux taħt il-liġi, "*il-mewt saltnet ukoll minn Adam sa Mosè*," minħabba d-dnub ta' Adam, mhux, iżda, għaliex dawk li mietu kienu *ħatja* tad-dnub ta' Adam, imma għaliex id-dnub ta' Adam ikkawżahom li jkunu mwielda *barra, il-bogħod mis-siġra tal-ħajja* li tagħmel għal dejjem il-ħajja fiżika. Din hija r-raġuni li trabi xi kultant imutu. It-trabi mhumiex ħatja

tad-dnub ta' Adam, jew ta' xi dnub ieħor; huma, iżda, *minħabba d-dnub ta' Adam*, huma mwielda mingħajr aċċess għas-siġra tal-ġajja. Meta jintqal li ma kienx hemm liġi, ir-riferenza hija għal-liġi bħal dik mogħtija minn Mosè (Dewteronomju 5). Kien hemm liġi eterna ta' Alla, li tinvolvi t-tajjeb u l-ħażin sa mill-bidu; inkella, ħadd ma kien jista' jagħmel il-ħażin matul il-perjodu minn Adam għal Mosè. Biċ-ċar, dak li jfisser hu li ma kienx hemm liġi speċifikament imferrxa biex tħaddanhom, kif kien minnu wara li l-liġi ta' Mosè kienet mogħtija. Għalhekk, il-mewt li huma sofrew kieent *f'konsegwenza* tad-dnub ta' Adam, u mhux bħala *penalità*. Din il-mewta *fiżika "laħqet il-bnedmin KOLLHA"* tgħidilna l-Kelma ta' Alla, u Marija kienet milħuqa wkoll minnha għaliex hija nkluduta fil-frażi**, "il-bnedmin kollha**."

## IT-TLUGĦ TA' MARIJA FIS-SEMA BIL-ĠISEM

Id-dottrina msejħa "l-Assunzjoni ta' Marija" tistqarr lir-ruħ ta' Marija kienet magħquda mill-ġdid ma ġisimha ftit wara l-mewt tagħha. Din tgħid li hija mbagħad kienet meħuda, bir-ruħ u l-ġisem, fis-smewwiet—jassumu fil-ġenna.

Din il-leġġenda kienet bdiet fost il-Gnostiċi, li qalu li kieneu jirċievu rivelazzjonijiet speċjali minn Alla. Il-Kristjani rriġettaw il-leġġenda ta' l-assunzjoni sa f'madwar il-ħames seklu. Imbagħad il-Kristjani bdew jirre-petu l-leġġendi dwar Marija bħala mod biex jigglorifikawha. Fl-ewwel ta' Novembru, 1950, il-Papa Piju XII għamel *pronunza ex cathedra* li fiha ddikjara lid-dottrina ta' l-assunzjoni ta' Marija bħala dottrina infallibbli tal-Knisja Kattolika Rumana:

> Bl-awtorità tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, ta' l-Appostli Mbierka Pietru u Pawlu, u bl-awtorità tagħna nfusna, aħna nħabbru, niddikjaraw, u niddefinixxuha bħala li hija domma divinament irrivelata: li l-Immakulata Omm Alla, Marija dej-jem verġni, fuq it-tkomplija tal-ħajja tagħha fuq l-art, kienet meħuda għall-glorja tas-smewwiet kemm fil-ġisem kif ukoll fir-ruħ. Għalhekk jekk xi ħadd jissopponi (li Alla jipproj-bixxi) bil-ħsieb li jiċħad jew isejjaħ fid-dubju dak li kien imfisser minna, ħallih ikun ja li hu jkun tbiegħed għal kollox mill-fidi divina u Kattolika. (John Walsh, S.J., *This is Catholicism*, Image Books, Garden City, N.Y., 1950, p. 129).

Din hija stqarrija qawwija ħafna. Ftakar li din il-proklama kienet magħmula **aktar minn tmintax-il seklu wara** li Alla kien lesta jirrivela l-verità kollha Tiegħu fil-Bibbja! Din id-dottrina jintqal li hija oriġini divina b'konsegwenzi ħorox għal dawk li jwarrbuha. Aħna nistennew forniment

ġeneruż ta' xhieda għal din id-dottrina, iżda, l-istess bħal dik ta' l-Immakulata Kunċizzjoni, din ukoll tonqos milli tipprovdi xi bażi Skritturali, mill-Kelma ta' Alla! Jintqal fil-proklama li din ġejja "bl-awtorità tal-Mulej Ġesù Kristu, bl-awtorità ta' l-Appostli Mbierka Pietru u Pawlu, u **bl-awtorità tagħna nfusna**."

Minn dawn it-tliet awtoritajiet imsemmija, l-unika waħda li huma jistgħu jipprovdu xhieda għal din id-dottrina hija "**l-awtorità tagħna nfusna**." Iż-żewġ awtoritajiet l-oħra msemmija jagħtu xhieda ċara, mhux favur din id-dottrina imma **kontra** tagħha! Issa ħalli nuru jekk dan hux minnu jew le!

It-Testment il-Ġdid ta' Kristu huwa **għal kollox sieket** dwar it-tmiem tal-ħajja ta' Marija! L-aħħar fatt irrivelata dwarha huwa li hija kienet fil-kamra ta' fuq ma' l-appostli, ma' nisa oħra u ma' uliedha f'Ġerusalem qabel il-jum ta' Pentekoste (Atti 1:14). Il-Bibbja Mqaddsa ma **tipprovdi lanqas kelma waħda biss** ta' appoġġ għal din il-leġġenda ta' l-assunzjoni.

**L-Iskrittura Topponi Din id-Dottrina**

Qabel ma Ġesù tela' fis-sema, Hu wiegħed li kiense jibgħat l-Ispirtu s-Santu lil l-appostli Tiegħu L-Ispirtu s-Santu jiggwidahom, ifakkarhom, u jgħallimhom dak kollu li Hu kien għallimhom matul din il-ħajja:

> "*Imma d-Difensur, l-Ispirtu s-Santu, li l-Missier jibgħat f'ismi, igħallimkom kollox u jfakkarkom dak kollu li għedtilkom*" (Ġwanni 14:26).

> "*Meta jiġi hu, l-Ispirtu tal-verità, iwassalkom għall-verità kollha; għaliex hu ma jgħid xejn minn tiegħu, imma jgħid dak li jisma', u jħabbrilkom il-ġejjieni*" (Ġwanni 16:13).

Huma, minn naħa l-oħra, kitbu dak li kienu mgħallma hekk kif kienu iggwidati mill-Ispirtu tal-verità. Dak li huma kitbu fl-Iskrittura Mqaddsa kien biżżejjed. L-appostlu Pietru jgħid,

> "*Is-setgħa tiegħu ta' Alla tatna dak kollu li hu meħtieġ għall-ħajja u t-tjieba*" (1 Pietru 1:3).

l-appostlu Pawlu jassigura lill-Kristjani li hu għarraf dak kollu li Alla għandu xi jgħid, billi jgħidilna:

> "*Qatt ma bżajt nurikom dak li hu ta' fejda għalikom…Għax jien qatt ma bżajt nurikom dak kollu li jrid Alla*" (Atti 20: 20,27).

> "*Ladarba għall-ħniena ta' Alla aħna għandna dan il-ministeru, ma nqatgħux qalbna; imma nwarrbu kull ħabi u għajb;*

*la nimxu bil-qerq u lanqas ngħawġu l-kelma ta' Alla, iżda nuru l-verità kollha…*" (2 Korintin 4:1-2).

Madankollu, hu **qatt** ma semma t-tlugħ fis-sema ta' Marija.

L-appostlu Ġwanni, li kien fdat bil-ħarsien ta' Marija mill-Mulej innifsu, kiteb ħames kotba fit-Testment il-Ġdid. Lanqas darba hu ma jagħti **xi ħjiel** dwar din id-dottrina. Għal kuntrarju, hu jgħid:

"*Ħadd ma tela' s-sema ħlief Bin il-bniedem, li niżel missema*" (Ġwanni 3:13).

Dan il-vers waħdu, sempliċi ħafna u li waħdu biss b'mod ċar u definittivament jiċħad li Marija kienet meħuda fis-sema bil-ġisem u bir-ruħ! Dan il-vers jafferma li Ġesù **waħdu** (il-kelma "*ħlief*" turi dan) daħal f'dak l-istat tas-smewwiet. Ir-rakkont ispirat li juri li Ġesù tela' fis-sema huwa mniżżel f'Atti 1:9-11,

"*Wara li qal dan, huma u jħarsu lejh, kien meħud 'il fuq, u sħaba ħadithulhom minn quddiem għajnejhom. Waqt li kienu b'għaj-nejhom fis-sema jħarsu lejh sejjer, f'daqqa waħda dehru hdejhom żewġt irġiel libsin l-abjad, u qalulhom: "Irġiel tal-Galilija, x'intom tħarsu lejn is-sema? Dan Ġesù, li kien meħud minn magħdkom lejn is-sema, għad jerġa' jiġi kif rajtuh sejjer.*"

Il-Kattoliċi jsostnu, iżda, li f'dak il-ħin biss li Ġesù qal dn il-kliem Hu kien l-uniku wieħed li daħal fis-sema bil-ġisem; għalhekk, it-tlugħ fis-sema ta' Marija bil-ġisem bosta snin wara ma jikkontradixxix dan it-test. Iżda l-kliem ta' Ġwanni 3:13 kien intqal minn Ġesù **qabel** it-tluq Tiegħu mid-dinja, li kien attwalment profezija dwar id-dħul Tiegħu fis-smewwiet. Aktar wara l-appostlu Ġwanni kiteb dan il-kliem, u huma jinfurmaw lin-nies ta' kull żmien li s-Salvatur **waħdu** daħal bil-ġisem fis-smewwiet.

L-appostlu Pawlu, fis-sena 62 W.K. RRIFERA għal dak li qal Ġwanni fil-Vanġelu tiegħu, fejn naqraw f'Efesin 4:8-10,

"*Hu għalhekk li tgħid l-Iskrittura: "Tela' fil-għoli, jassar l-ilsiera, ta don lill-bnedmin." "Tela'; xi jfisser dan għajr li hu niżel ukoll fl-inħawi l-aktar t'isfel ta' l-art? Dak li niżel huwa dak li tela' fuq is-smewwiet kollha, biex jimla kollox.*"

Dwar din is-silta, il-Bibbja Saydon tagħti din l-ispjega:

"It-tlugħ ta' Kristu fis-sema hu l-konsegwenza ta' l-inkarnazzjoni tiegħu. Kristu tela' s-sema wara li niżel fid-dinja li hi 'l isfel ħafna mis-sema."

Marija ma niżletx mis-sema u għalhekk, il-ġisem tagħha sar trab, kif jgħid Salamun, f'Ekkleżjażsti 12:7,

*"U t-trab jerġa' lura fl-art imnejn ġie, u n-nifs tal-ħajja jitlaq lejn Alla, minn fejn ġie."*

Fil-Jum ta' Pentekoste, l-appostlu Pietru ipproklama l-aħbar it-tajba li Ġesù kien qam f'vittorja mill-qabar u tela' fil-lemin tal-Missier fis-smewwiet: Naqraw danf'Atti 2:31-32,

*"David ra minn qabel u ħabbar il-qawmien tal-Messija u qal, "La kien mitluq fl-imwiet u lanqas ġismu ma ra t-taħsir." Lil dan Ġesù, Alla qajmu mill-imwiet, u ta' dan aħna lkoll xiehda."*

Taħseb int li kieku Marija **tassew** telgħet fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem ma kienx jitqal xi kliem bħal dan għaliha? Mhux bħal ġisem ta' Ġesù, l-iġsma tagħna lkoll jgħaddu mit-taħsir meta mmutu. Il-qawmien tagħna huwa ġrajja tal-futur. Il-vittorja ta' Kristu li qam mill-imwiet tiggarantixxi dan il-qawmien. L-appostlu Pawlu jgħid li Ġesù huwa "l-ewwel frott" mill-mejtin, fejn naqraw:

*"Imma Kristu kien imqajjem tassew mill-imwiet, l-ewwel frott fost dawk li raqdu. Għaliex, jekk permezz ta' bniedem feġġet il-mewt, bi bniedem ukoll iseħħ il-qawmien mill-imwiet. Għax bħalma l-bnedmin kollha (**inkluż Marija**, en-fasi tiegħi) jmutu f'Adam, hekk ilkoll jiksbu l-ħajja fi Kristu. Imma kulħadd skond kif imissu: jibda l-ewwel frott li hu Kristu; wara, dawk li huma ta' Kristu, f'jum il-miġja tiegħu"* (1 Korintin 15:20-23).

Il-frażi "**l-ewwel frott**" hija espressjoni agrikola li titkellem dwar **ħsad li ġej**. Dawn il-versi humalingwa ċara u ħafifa. Il-qawmien tal-mejtin mingħajr eċċezzjoni, ma jsirx qabel ma l-Mulej jiġi lura.

Mela, l-istqarrija papali li l-Annunzjoni ta' Marija hija "*dogma rrivelata divinament*" għandha tiġi mwarrba għaliex din tinsab **f'konflitt** mal-verità li Alla divinament irrivela fl-Iskrittura Mqaddsa, il-Kelma Tiegħu!

Mhux hekk biss, imma nkomplu naqraw fl-Ewwel Korintin 15:50-55,

*"Dan ngħidilkom, ħuti, id-demm u l-laħam ma jistgħux jirtu s-saltna ta' Alla; lanqas it-taħsir in-nuqqas ta' taħsir. Sa nħab-brilkom misteru: aħna mhux ilkoll norqdu r-raqda tal-mewt, iżda **lkoll nitbiddlu**, f'waqt wieħed, f'teptipa ta' għajn ma' l-aħħar tromba, u l-mejtin iqumu biex ma jitħassrux aktar, u aħna nitbiddlu. Għax jeħtieġ li dan il-ġisem li jitħassar jilbes in-nuqqas ta' taħsir, u li dan il-ġisem li jmut jilbes l-immo-rtalità. Meta dak li jitħassar jilbes in-nuqqas ta' taħsir, meta dak li jmut jilbes l-immortalità*

*imbagħad iseħħ dak li hemm miktub, "Inbelgħet il-mewt fir-rebħa. Fejn hi, ja Mewt, ir-rebħa tiegħek? Fejn hi ja Mewt, in-niggieża tiegħek?*" (enfasi tiegħi)

Jiena nħoss li ma hemmx għalfejn wieħed jagħti sġjega ta' dan il-kliem għaliex huwa ċar biżżejjed. Kliem minn din is-silta li juri ċar li Marija ukoll għad trid tgħaddi minn dan il-proċess huwa vers 51:

"*aħna mhux ilkoll norqdu r-raqda tal-mewt, **iżda LKOLL NITBIDDLU**.*"

Il-Knisja Kattolika Rumana dan il-vers fl-antik żiedet miegħu kelma oħra li tbiddel is-sens kollu. Nikkwota minn żewġ verżjonijiet Kattoliċi. L-ewwel "The Douay Bible" ippublikat f'Rheims bejn is-sena 1578 u 1582 fejn iġib dan il-vers hekk:

"*Behold, I tell you a mystery. We shall all indeed rise again; but we shall **not all** be changed.*" (enfasi tiegħi.)

Din il-verżjoni kienet traduzzjoni mill-Vulgat. Il-verżjoni l-oħra hija dik imsejħa "Knox Version" fejn tippreżenta dan il-vers hekk,

"*Here is a secret I will make known to you; we shall all rise again, but **not all** of us will undergo the change I speak of.*"

Verżjoni moderna tal-Knisja Kattolika Rumana tippreżenta dan il-vers hekk:

"*Behold, I tell you a mystery. We shall not all fall asleep, but **we will all be changed**.*" (New American Bible. Enfasi tiegħi)

Il-kumment ta' dan il-vers f'din il-verjoni huwa dan:

"*We will all be changed*: the statement extends to all Christians, for Paul is not directly speaking about anyone else. Whether they have died before the end or happened still to be alive, all must be transformed."

Dan qiegħed jgħid hekk: "*Aħna lkoll nitbiddlu*: l-istqarrija testendi għall-Kristjani kollha, għax Pawlu mhux qiegħed jitkellem direttament dwar xi ħadd ieħor. Kemm jekk huma kienu mietu qabel it-tmiem jew inzertaw li kienu għadhom ħajjin, ilkoll għandhom jitbiddlu."

Il-mistoqsija tiegħi hija din: X'kien l-iskop tal-bdil fit-traduzzjoni mill-oriġinal fejn jgħid li "*aħna **lkoll** nitbiddlu*" għal "***mhux ilkoll** nitbiddlu*"? Ċertament li kien hemm xi skop għal dan! U l-uniku skop kien biex meta wieħed jaqra *li "**mhux** ilkoll nitbiddlu*" dan ikun ifisser li hemm xi ħadd ma ma jitbiddilx u dan ix-xi ħadd mhu ħadd ħlief Marija! Imma, jekk dan jinqara, kif tabilħaqq hu fl-oriġinal, "*Aħna **lkoll** nitbiddlu*" allura dan ikun

ifrisser li Marija wkoll titbiddel! Din hija prova biżżejjed li t-tagħlim ta' l-Assunzjoni ta' Marija huwa dottrina falza!

Issa ħalli naraw x'jgħid Saydon dwar dak li naqraw fl-Ewwel Korintin 15:50-54.

**Vers 50** - "*Il-ġisem li jitħassar* ma jistax jidħol fis-sema fejn m'hemmx taħsir.

**Versi 51-52** - "*Misteru* hu tagħlim moħbi. Mhux kulħadd imut, għax xi wħud ikunu ħajjin meta Kristu jerġa' jiġi fid-dinja. Imma sewwa mejtin sewwa ħajjin, **ilkoll** jitbiddlu. Iddoqq it-tromba u **kulħadd**, mejtin u ħajjin, jitbiddel f'daqqa waħda. (enfasi tiegħi).

**Versi 53-54** - It-tibdila tkun din: il-ġisem naturali, li jmut u jitħassar, jitbiddel f'ġisem spiritwali, li ma jmutx u ma jitħassarx. U hekk il-mewt, li qabel kellha ħakma fuq il-bniedem, issa mirbuħa għal kollox u kellha trodd 'il dawk li kienet iżżomm taħt idejha. Kliem meħud minn Is. 25,8.

Marija, omm Ġesù, tiġi 'l quddiem mill-qabar meta l-bnedmin kollha jkunu mqajma u ż-żmien jispiċċa fl-eternità. Il-Mulej tagħna jgħidilna:

> "*Tistagħġbux b'dan: tiġi siegħa meta dawk kollha li jkunu fl-oqbra jisimgħu leħnu u joħorġu: dawk li jkunu għamlu t-tajjeb iqumu għall-ħajja imma dawk li jkunu għamlu l-ħażin iqumu għall-kundanna*" (Ġwanni 5:28-29).

Fl-ittra lil-Lhud naqraw hekk dwar Ħenok:

> "*Kien minħabba fil-fidi tiegħu li Ħenok ittieħed minn fostna hekk li hu l-mewt ma rahiex; ma nstabx iżjed, għax Alla kien ħadu. U tassew, qabel ma ttieħed kien kiseb xhieda li hu kien għoġob lil Alla*" (Lhud 11:5).

Li kieku dan il-kliem intqal dwar Marija forsi kien ikun hemm raġuni għad-dottrina Kattolika. imma fl-Iskrittura kollha ma hemm xejn ta' din ix-xorta li jintqal għal Marija! Għalhekk, Id-dogma ta' l-Assunzjoni hija kontra l-Iskrittura u mhix skritturali.

## VERĠNITÀ PERPETWA TA' MARIJA

Fl-ewwel seklu W.K., kien hemm grupp magħruf bħala Gnostiċi. Huma għallmu **taħlita** ta' dottrini Kristjani flimkien ma' filosofiji orjentali. Twemmin wieħed minn tagħhom kien li l-materja kollha hija ħażen, u dak kollu li għandu x'jaqsam mal-ġisem huwa ħażin. Huma influwenzaw ħafna mill-Kristjani biex jemmnu li l-ġisem uman huwa ħażin. Xi nies bdew jemmnu li kien dnub li tiekol ikla ta' nutriment, li tiżżewweġ, jew li twel-led. Huma emmnu illi li tibqa' verġni jew li ma tkunx miżżewweġ kien aktar qaddis milli tkun missieħeb ma' sieħeb jew sieħba fiż-żwieġ.

Biex jopponi dak it-tagħlim, Clement ta' l-Ixandra (W.K. 150-215) kiteb "Fuq iż-żwieġ." Hu uża ħafna skritturi tat-Testment il-Ġdid biex juri liż-żwieġ mhu xejn inqas qaddis milli ma tkunx miżżewweġ. Imma mexxejja oħra għallmu li persuna ma tistax tgħix l-għola ħajja spiritwali waqt li tkun miżżewwġa. Dak **mhuwiex** tagħlim tal-Bibbja imma n-nies emmnuh.

Xi wħud minn dawk in-nies ikkunsidraw il-ħajja ta' Marija. Mill-Bibbja Mqaddsa, huma kienu jafu li Marija kienet għadha verġni meta welldet lil Ġesù. Huma ma ridux li jemmnu li wara għexet ħajja inqas qaddisa ma' żewġha Ġużeppi. Għalhekk huma bdew jgħallmu li Marija baqgħet verġni ħajjitha kollha. Din id-dottrina saret magħrufa bħala "l-verġnità perpetwa" (verġnità kontinwa) ta' Marija. Dik id-dottrina, l-istess, **ma hi** mgħallma **mkien** fil-Bibbja. Imma d-dottrina saret popolari ħafna. Fis-sena 649 W.K. fil-knisja Laterana f'Ruma, grupp ta' mexxejja reliġjużi ddikjara li l-ver-ġnità perpetwa ta' Marija hija dottrina tassew. Huma għamlu d-dikjara-zzjoni tagħhom **aktar minn 500 sena wara** lit-Testment il-Ġdid kien miktub.

### *X'tgħid il-Bibbja dwar iż-żwieġ?*

Huwa ż-żwieġ kondizzjoni inqas qaddisa milli ma tkunx miżżewweġ? Ikkunsidra bosta versi mill-Iskrittura Mqaddsa:

(1) "*Ħalli jkun iż-żwieġ tagħkom miżmum fil-ġieħ minn kull-ħadd u s-sodda taż-żwieġ bla tinġis, għax Alla għad jagħmel ħaqq miż-żienja u mill-adulteri*" (Lhud 12:4).

(2) Raġel li jservi bħala isqof (ragħaj) għandu jkun miżżewweġ u jkollu t-tfal. "*Jeħtieġ, imma, li l-isqof ikun bniedem li ma ssibx xi tgħid fih; li jkun iżżewweġ darba biss…li jkun raġel li jaf imexxi tajjeb id-dar tiegħu; u li jżomm lil uliedu fl-ubbidjenza u bir-rispett kollu. Għax jekk wieħed ma jkunx jaf imexxi 'l daru stess, , kif jista' jieħu ħsieb il-knisja ta' Alla?*" (1 Timotju 3:2-5). Tinsiex li dawn il-kwotazzjonijiiet huma kollha meħuda mill-Bibbja Kattolika! Kif raġel imexxi l-familja tiegħu stess jgħid kif hu jieħu ħsieb il-knisja lokali (vers 5). Ladarba l-isqfijiet tal-knisja lokali għandhom ikunu miżżewwġin, kif nistgħu aħna possibbilment nemmnu illi li tkun miżżewweġ huwa inqas qaddis milli li ma tkunx miżżewweġ?

(3) Fis-sena 325 W.K., xi mexxejja reliġjużi f'Niċea iddiskutew l-idea li jeħtieġu li l-mexxejja fil-knisja li jgħixu ħajja mhux miżżewġa. Huma ma ddeċidewx li jagħmluha "liġi," imma mexxejja mhux miżżewġin saru komuni ħafna. Fis-sena 1074 W.K., Gregorju VII ikkawża lill-Konċilju Lateran biex ipoġġi **l-ħtieġa** fuq il-mexxejja reliġjużi tagħ-hom li jgħixu ħajja mhux miżżewwġa. Dik l-ordni ma ssopprendietx

lill-Mulej. Hu kien **jaf minn qabel** u **qal minn qabel** li xi nies jitbiegħdu mill-verità u jipprojbixxu ż-żwieġ. "*L-Ispirtu jgħidha ċar li fl-aħħar taż-żminijiet xi wħud jitbiegħdu mill-fidi u jagħtu widen għal spirti qarrieqa u għal tagħlimtax-xjaten. Dawn jisfaw imqarrqa minn nies giddieba, li għandhom il-marka tal-ħażen fuq il-kuxjenza tagħhom; bħal dawk li jikkundannaw iż-żwieġ u ma jridux li jittiekel ikel li Alla ħalqu biex jittieħed b'radd il-ħajr minn dawk li ħaddnu l-fidi u li waslu għat-tagħrif tal-verità*" (1 Timotju 4:1-3). L-appostlu Pawlu kiteb dak il-kliem f'madwar is-sena 65 W.K., **aktar minn 1000 sena qabel** l-ordni tal-Konċilju Lateran.

(4) L-appostlu Pietru kien miżżewweġ (Mattew 8:14; 1 Korintin 9:5).

(5) Ġesù Nnifsu qal, "*Iżda hu qalilhom: "Ma qrajtux li sa mill-bidu l-Ħallieq għamilhom raġel u mara, u qal, 'Minħabba f'hekk ir-raġel iħalli lil missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' martu u t-tnejn isiru ġisem wieħed'? Għalhekk m'humiex iżjed tnejn, imma ġisem wieħed. Mela dak li għaqqad Alla ma għandux jifirdu l-bniedem*" (Mattew 9:4-6). Ir-relazzjoni sesswali bejn raġel u martu kienet maħluqa minn Alla Nnifsu!

(6) L-appostlu ispirat jgħid: "*Ir-raġel għandu jagħti lil martu li jmissha; hekk ukol il-mara lil żewġha. Il-mara ma għandiex dritt fuq ġisimha, iżda żewġha fuqha; hekk ukoll ir-raġel ma għandux dritt fuq ġismu, iżda martu fuqu.* ***Iċċaħdux lil xulxin minn xulxin****, jekk ma tkunux ftehimtu minn qabel għal xi żmien, biex tagħtu ruħkom għat-talb u mbagħad terġgħu bħalma kontu qabel sabiex ma jittentakomx ix-xitan jekk ma tkunux tifilħu żżommu*" (1 Korintin 7:3-5). Il-Bibbja biċ-ċar tgħid li Marija kienet miżżewġa lil Ġużeppi (Mattew 1:18-25), u mhux kif jgħidu xi reliġjużi li Ġużeppi kien sempliċiment prottettur tal-fami-lja mqaddsa! Le, Ġużeppi kien żewġ Marija skond il-liġi u wara sar missier minn Marija ta' tfal oħra, kif se naraw aktar 'il quddiem, u dan hu aċċettat minn teolgi Kattoliċi wkoll! Id-dottrinaw ta' verġnità perpetwa tiddiżonora lil Marija, billi tgħid li hija naqset milli twettaq l-obligazzjonijiet tagħha taż-żwieġ!

## X'TGĦID IL-BIBBJA DWAR L-AĦWA TA' ĠESÙ, SUBJIEN U BNIET?

Jekk Ġesù kellu ħutu subjien u bniet, ċertament li dan ikun xhieda ċara li Marija ma baqgħetx verġni wara li twieled Ġesù! Li nixtieq nagħmel ċar huwa li aħna, bħala Kristjani tat-Testment il-Ġdid m'aħniex mimlija bi spirtu kontra Marija—kif ta' spiss niġu akkużati. Aħna aktar imotivati b'imħabba profonda għall-verità u rridu li nkunu fidili għax-xhieda li l-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa, toffri. Aħna ma nistgħux niċħdu l-piż

importanti ta' l-evidenza kontra l-veduta Kattolika, liema evidenza nippreżentaw bit-tama li l-verità tirbaħ.

Il-pożizzjoni ppreżentata hawn **ma tnaqqas bl-ebda mod** mid-duttrina biblika dwar it-Twelid Verġni ta' Ġesù. Marija kienet verġni qabel, u Ġesù kien ikkonċeput fil-ġuf tagħha bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu. Wara t-twelid ta' Ġesù, Marija għexet ħajja normali bħala mara miżżewġa Lhudija u hija u Ġużeppi kellhom xi tfal oħra. Nistaqsi jien lil dawk in-nisa kollha li huma miżżewġin u għandhom it-tfal: "*Hemm xi ħaġa, anzi l-iċken ħaġa ħażina li intom kellkom it-tfal?*" Jekk le, mela x'hemm ħażin li Marija wkoll kellha aktar tfal kif kull mara miżżewwġa jkollha?

Id-dottrina tal-"verġnità perpetwa" ta' Marija m'għandha ebda bażi fil-Bibbja Mqaddsa, imma l-Bibbja tabilħaqq fiha **ħafna** xhieda kontra din id-dottrina. Ħalli naraw x'tgħid il-Kelma ta' Alla bħala xhieda kontra din id-dottrina ta' "verġnità perpetwa."

Il-Bibbja Mqaddsa tgħidilna li Marija baqgħet verġni **sa ma** Ġesù twieled Ġesù. Naqraw fil-Vanġelu ta' Mattew:

> "*Ġużeppi, meta qam, għamel kif ordnalu l-anġlu tal-Mulej, u ħa lil* ***martu*** *għandu. Imma baqa'* ***ma għarafiex sa ma*** *kellha (l-ewwel) iben, u semmieh Ġesù*" (Mattew 1:24).

"**Ma għarafiex**" f'ewfemisu Bibliku li juri unjoni konġugali bejn ir-raġel u martu fl-għaqda taż-żwieġ. Eżempju ta' dan insibuh f'Ġenesi 4:1,

> "*Issa Adam* ***għaraf*** *lil martu, u hi kkonċepixxiet…*" (Bibbja Saydon, "***tqalet***").

Il-kumment tal-verżjoni tal-Bibbja ta' l-Għaqda Biblika Maltija dwar Mattew 1:25 jgħid hekk: "**Ma għarafhiex**: espressjoni Lhudija biex tfisser ir-relazzjoni intima bejn il-miżżewġin." Kien f'dan is-sens li Marija staqsiet lil l-anġlu: "*Kif ikun dan, ladarba* ***ma nagħrafx*** *raġel?*" (Luqa 1:34). "*Imma baqa' ma għarafhiex* ***sa ma****…*" Hawn għandna xhieda kbira li Ġużeppi **għaraf** lil Marija *wara* li kellha lil Ġesù. "**SA MA**." Dan hu avverbju li jillimità l-ħin jew iż-żmien, li jindika bidla fil-pożizzjoni ta' dak kollu li huwa diskuss. Il-kondizzjoni ta' qabel kienet "ma għarafhiex sa ma", il-kondizzjoni l-ġdida ta' "għarafha" kienet introdotta. Jekk xi ħadd għandu xi dubju dwar dan ejja nħallu l-Kelma ta' Alla nfisha tinter-pretalna dan, u mhux nippruvaw li nagħtu l-opinjonijiet tagħna kif bosta drabi jsir, jiġifieri, xi jfisser l-avverbju "**sa ma**."

Ħalli nħallu lill-kittieba ispirati jfissrulna huma. Jiena sejjer nikkwota xi ftit mis-siltiet li juru ċar illi l-avverbju "**sa ma**" (Grieg *eos*) juri **bidla** fil-kondizzjoni. Il-kittieba ispirati użaw dan l-istess avverbju "SA MA" f'sit-wazzjonijiet oħra biex jindika bidla—twaqqif ta' l-ewwel stat u l-bidu ta' l-istat ta' wara.

1. **Mattew 2:9** - Il-Maġi - *"Malli semgħu kliem is-sultan, telqu; u, ara, il-kewkba, li kienu raw fil-Lvant,kienet timxi quddiemhom* ***sakemm*** *(eos) ġiet u waqfet fuq fejn kien hemm it-tarbija."* Jekk il-kelma "sakemm" tfisser kontinwità ta' l-ewwel stat, allura l-kewkba **qatt** ma kienet wieqfa!
2. **Mattew 2:13** - *"Meta telqu, deher anġlu tal-Mulej f'ħolma lil Ġużeppi u qallu: "Qum, ħu miegħek lit-tifel u 'l ommu, u aħrab lejn l-Eġittu. Ibqa' hemm* ***sa ma*** *(eos) ngħidlek jien."* Ċertament li wara li qallu ma baqgħax hemm!
3. **Mattew 10:11** - *"Fil-belt jew raħal fejn tidħlu, araw ikunx hemm min jixraqlu tmorru għandu, u ibqgħu f'daru* ***sa ma*** *titilqu minn hemm."*
4. **Mattew 24:39** - *"U xejn ma ntebħu* ***sa ma*** *wasal id-dilluvju u ġarr lil kulħadd, hekk tkun il-miġja ta' Bin il-bniedem."*
5. **Luqa 17:8** - *"Jew, 'Lestili x'niekol, ilbes il-fardal u newwilli* ***sa ma*** *niekol u nixrob jien, u mbagħad tiekol u tixrob int'?"*
6. **Luqa 21:32** - *"Tassew, ngħidilkom, li ma jgħaddix dan in-nisel* ***sa ma*** *jiġri dan kollu."*
7. **Luqa 22:16,18** - *"Għaliex ngħidilkom, din l-ikla miniex se nagħmilha iżjed* ***sa ma*** *tkun seħħet għal kollox fis-Saltna ta' Alla….Għaliex, ngħidilkom, minn issa 'l quddiem ma nixrobx iżjed mill-frott tad-dielja* ***sa ma*** *tiġi s-Saltna ta' Alla."*
8. **Atti 2:35** - *"…'Il-Mulej qal lil Sidi: Oqgħod fuq il-lemin tiegħi,* ***sa ma*** *nkun qegħidt l-egħdewwa tiegħek taħt riġlek.'"*
9. **1 Korintin 4:5** - *"Għalhekk tiġġudikawx qabel il-waqt* ***sa ma*** *jiġi l-Mulej:…"*
10. **1 Korintin 11:26** - *"Għax kull darba li tieklu dal-ħobż, u tixorbu dal-kalċi, tħabbru l-mewt il-Mulej* ***sa ma*** *jiġi."*
11. **1 Korintin 15:25** - *"Għax jaħtieġ isaltan,* ***sa ma*** *jqiegħed l-egħdewwa kollha taħt riġlejh."*
12. **Galatin 3:23** - *"Qabel ma ġiet il-fidi, aħna konna miżmumin priġunieri taħt il-ħarsien tal-liġi,* ***sa ma*** *tiġi l-fidi li kellha tkun rivelata."*

Issa, jekk skond it-tagħim tal-Knisja Kattolika Rumana, Ġużeppi, żewġ Marija, baqa' ma għarafx lil martu Marija wkoll wara li hija welldet l-ewwel iben tagħna, jiġifieri, lil Ġesù, (Luqa 2:12), u t-tnejn komplew igħixu ħajja mifrudin minn xulxin f'dak li għandu x'jaqsam ma l-att sesswali bejn il-miżżewwġin, allura it-tnejn li huma marru kontra l-Kelma ta' Alla, kisru l-Liġi ta' Alla, u għalhekk huma kienu qegħdin jidinbu! Imma jiena ċert mija fiil-mija li dan huma m'għamluhx, huwa t-tagħlim

żbaljat tal-Knisja Kattolika Rumana li tagħti x'wieħed jifhem li huma dan għamluh!

Il-Kelma ta' Alla tgħidilna hekk, permezz ta' l-appostlu Pawlu:

1 Korintin 7:1-5 – "[1]*Issa fuq il-ħwejjeġ li kitbtuli: Tajjeb għal raġel li ma jmissx mara.* [2]*Madankollu, biex naħarbu ż-żina,* ***ħalli kull raġel ikoll 'l martu, u kull mara jkollha 'l żewġha****.* [3]*Ħa jagħti r-raġel lil martu dak li jistħoqqilha: u l-istess ukoll il-mara lil żewġha.* [4]*Il-mara m'għandhiex awtorità fuq ġisimha, iżda r-raġel: u l-istess ukoll ir-raġel m'għandux awtorità fuq ġismu, iżda l-mara.* [5]***La tiċċaħdux minn xulxin, ħlief biss bi tfehim għal xi żmien, biex tagħtu ruħkom għas-sawm u t-talb; imbagħad terġgħu għal flimkien,*** *biex Satana ma jittantakomx minħabba li ma tkunux tifilħu żżommu.*"

Il-kumment tal-Bibbja Saydon dwar vers 5 jgħid hekk: "Ir-raġel u l-mara jistgħu ma jagħmlux użu mid-drittijiet tagħhom, basta dan ikun bi ftehim bejniethom, *għal żmien qasir* u għal xi raġuni kbira, bħalma hu t-talb. *Jekk idumu, jistgħu jaqgħu fid-dnub.*" (Enfasi tiegħi.)

Kulħadd jaqbel liż-żwieġ hu l-liġi ta' Alla u lir-rabta taż-żwieġ hija rabta qaddisa. Jistgħu, mela, tnejn miżżewwġin, u li jafu l-liġi ta' Alla x'tgħid, kif kienu jafuha sewwa Marija u Ġużeppi, ***jiċċaħdu minn xulxin*** għal kumplament ta' ħajjithom wara li kellhom l-ewwel iben tagħhom, lil Ġesù mingħajr ma jkunu qegħdin imorru kontra l-liġi ta' Alla? Kellha Marija, bħala mart Ġużeppi (Mattew 1:24-25) dritt jew awtorità fuq ġisimha? Le! (1 Korintin 7:4). Kellu Ġużeppi, żewġ Marija, dritt jew awtorità fuq ġismu? Le! (1 Korintin 7:4). Ma kienx hemm periklu għal Ġużeppi u Marija, bħala żewġ bnedmin bħal kull bniedem ieħor, li jekk idumu mċaħħdin minn xulxin huma *jistgħu jaqgħu fid-dnub*? Mela x'kien hemm ħażin, li Marija u Ġużeppi, wara li twieled Ġesù, komplew igħixu ħajja normali ta' tnejn miżżewwġin skond il-liġi ta' Alla u b'hekk huma kellhom aktar ulied? Il-Bibbja Mqaddsa tgħidilna li huma hekk għamlu imma t-tagħlim tat-teologi Kattoliċi Rumani jmur kontra dak li tgħid il-Bibbja Mqaddsa!

Ħalli nkomplu naraw x'għidilna l-Bibbja Mqaddsa dwar dan.

## I. AĦWA TA' ĠESÙ

1. Mark 3:20-21 – *Niesu –* ***hoi para autou****.*

   "[20]*U ġemgħa ta' nies reġgħet inġemgħet, hekkk li ma kinux lanqas jistgħu jieklu l-ħobż.* [21]*U malli* ***niesu*** *semgħu dan, ħarġu biex iżommuh; għax qalu: tilef moħħu.*"

2. Mark 3:31-35; Kolossin 4:7 – *Ħutu* (aħwa) – ***adelphoi****.*

"[31]*Darba ġew ommu u* ***ħutu****, baqgħu barra u bagħtu jsejħulu.* [32]*Dak il-ħin kien hemm ħafna nies bilqiegħda madwaru. Ara, qalulu, ommok u* ***ħutek*** *qegħdin hemm barra u jriduk.* [33]*U hu weġibhom: Min huma ommi u* ***ħuti****?* [34]*Imbagħad dawwar ħarstu fuq dawk li kien hemm madwaru, u qal: Dawn, araw, huma ommi u* ***ħuti****.* [35]*Kull min jagħmel ir-rieda ta' Alla, dak huwa* ***ħija****, u* ***oħti****, u ommi*" (Mark 3: 31-35).

<u>Kolossin 4:7</u> – "*Tikiku,* ***ħija*** *l-għażiż u l-qaddej fidil u ħaddiem fil-Mulej, jagħtikom aħbari.*"

3. <u>Kolossin 4:10</u> – kuġin – ***aneptios***.

   "*Isellmilkom Aristarku, fil-ħabs miegħi, U Marku,* ***il-kuġin*** *ta' Barnaba—ġa għandkom l-ordnijiet dwaru; jekk jiġi għandkom ilqugħ tajjeb.*"

   Tikiku *ħija* u mhux il-qarib jew il-kuġin tiegħi. Mela "ħutu" ma kinux *qraba*, bħal "kuġini" għaliex fejn kien hemm kuġin, dan hu msejjaħ bħala "kuġin" u mhux qarib.

4. <u>Luqa 1:36</u> – *qariba* – ***suggenes***.

   "*U, ara, il-****qariba*** *tiegħek Elisabatta, hi wkoll tqila b'iben fi xjuħitha: u dan hu s-sitt xahar lil dik, li kienu jgħidulha ħawlija.*"

5. <u>Luqa 2:44</u> – qrabathom – ***suggeneusin***.

   "*Iżda huma, billi minn għalihom kien ma' dawk li kienu magħhom, għamlu jum mixi; u fittxuh qalb* ***qrabathom*** *u dawk li kienu jafuhom.*"

6. <u>Luqa 2:43</u> – Ġenituri – ***goneis***.

   "*U meta għaddew dawk il-jiem, huma u ġejjin lura, Ġesù baqa' wara Ġerusalem; u* ***l-ġenituri*** *ma kinux jafu b'dan.*"

7. <u>Luqa 2:44</u> – *nies li kienu jafuhom* – ***gnostois***.

   "*Iżda huma, billi minn għalihom kien ma' dawk li kienu magħhom, għamlu jum mixi; u fittxuh qalb qrabathom u* ***dawk li kienu jafuhom****.*"

8. <u>Ġwanni 2:12</u> – *ommu* – ***meter***; *ħutu* – ***adelphoi***; *dixxipli* – ***mathetes***.

   "*Wara li niżel Kafarnahum, hu, u* ***ommu****, u* ***ħutu****, u* ***d-dixxipli*** *tiegħu; u ma damux hemm ħafna jiem.*"

   Mela "ħutu" ma kinux "id-dixxipli."

9. <u>Luqa 2:7</u> – L-ewwel imwieled (iben) – ***prototokos***.

10. <u>Ġwanni 3:16</u> – l-uniku wieħed – ***monogenes***.

*"Għax Alla hekk ħabb lid-dinja, li ta **l-Iben waħdieni** tiegħu, biex kull min jemmen bih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem."*

11. __**Luqa 2:22-23**__ – "kull tifel *li jiftaħ il-ġuf.*"

**"***Wara li għalqilhom iż-żmien għall-purifikazzjoni tagħhom skond il-liġi ta' Mosè, ħaduh Ġerusalem biex jippreżentawh lill-Mulej,* [23]*Kif hemm miktub fil-liġi tal-Mulej, li 'kull tifel* ***li jiftaħ il-ġuf****, jiġi kkonsagrat lill-Mulej.'"*

   a. Grieg: ***dianoigon metran***.
   b. Latin: ***apertio vulvae***.
   c. Luqa kien tabib: Kolossin 4:14.
   d. Dan ifisser il-qerda ta' l-imene.
      i. Imene: membrana, rita tax-xbubija fil-vaġina.
      ii. Rita fina, membrana li tiksi l-blanzun qabel jiftaħ.
      iii. Meta jiftaħ, din ma tibqax aktar sħiħa.
      iv. Dan kollu ġara lil Marija fit-twelid ta' Ġesù.

Din il-kwotazzjoni hija minn Eżodu 13:2, 12 u biċ-ċar tfisser—kif fit-test Lhudi, il-qerda tal-matriċi jew l-imene. Fit-traduzzjoni l-antika ta' l-Iskrittura bil-Latin (Vulgat), it-terminu huwa "*apertitio vulvae.*" Luqa, li kien tabib (Kolossin 4:14), kien jaf sewwa l-implikazzjoni tat-talbiet li l-Liġi ta' Mosè kienet titlob u wkoll dwar "il-FTUĦ TAL-ĠUF TA' MARIJA" fit-twelid ta' Gesù.

Luqa kellu l-opportunità hawn, l-istess bħal ma kellu fl-għażla ta' "MONOGENES" minflok "PROTOTOKON," biex juri li l-ħlas ta' Marija kien eċċezzjoni għar-regola—iżda huwa juża terminoloġija li aktar milli tikkonferma li t-twelid ta' Ġesù kien kompletament normali, u ma ta l-ebda indikazzjoni li l-kondizzjoni ta' Marija ma kienet xejn ħlief waħda normali. Ma jista' jkun hemm ebda spjegazzjoni favur il-verġnità perpetwa ta' Marija wara li wieħed ikun fehem dak li kiteb Luqa b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu dwar it-twelid ta' Ġesù minn Marija. Iva, Marija kienet verġni sa qabel ma Ġesù twieled imma wara li Ġesù twieled Marija ma baqgħetx aktar verġni u dan mhux jien ngħidu, imma qed tgħidu l-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa. Aħna, bħala Kristjani, naċċettaw biss dak li Alla jgħid fil-Kelma Tiegħu u xejn aktar (1 Korintin 4:6).

## II. L-AĦWA TA' ĠESÙ

1. __**Mattew 1:24-25**__ – "*Imbagħad wara li Ġużeppi qam mill-irqad tiegħu għamel bħal ma qallu l-anġlu tal-Mulej, u ħa miegħu 'l martu.* [25]*U baqa'* ***ma għarafhiex sa ma*** *kellha iben, u semmieh Ġesù.*"

a. **Ġenesi 4:1** – "*U Adam għaraf lil martu Eva; u hi tqalet, u wildet lil Kajjin, u hi kkonċepiet:*"

2. **Luqa 2:7** – Grieg: ***prototokos*** – *l-ewwel* iben ta' Marija.
   a. **Eżempji**: Ġenesi 10:15; 41:51; Eżodu 6:14; Numri 3:2; Rumani 8:29; Kolossin 1:18; Atti 26:23; Lhud 12:16; Rivelazzjoni 1:5; 1 Korintin 15:19-23.
3. ***Monogenes*** – *l-uniku* wieħed/waħda, imma mhux ta' Marija
   **Eżempji:**

- **Ġwanni 1:14. 18** – "[14]*U l-Kelma saret bniedem u għammar fostna, u aħna rajna l-glorja tiegħu, il-glorja li għandu mill-Missier bħala* ***Ibnu l-waħdieni****, mimli bil-grazzja u l-verità….* [18]*Ħadd qatt ma ra lil Alla f'xi żmien;* ***l-Iben waħadieni****, li hu fi ħdan il-Missier, hu għarrfu.*"
- **Ġwanni 3:16** – "[16]*Għax Alla hekk ħabb lid-dinja, li ta* ***l-Iben waħdieni tiegħu****, biex kull min jemmen bih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem.*"

Imkien fil-Bibbja Mqaddsa ma jintqal li Ġesù kien "l-iben il-waħdieni" ta' Marija.

- **Mark 12:32** – "*Qallu l-kittieb: Sewwa qiegħed tgħid, Mgħallem: għandek raġun tgħid li wieħed hemm, u li* ***ma hemmx ieħor ħliefu.***"

Dan il-kliem "**ma hemmx ieħor ħliefu**" lanqas ma jintqal dwar Ġesù bħala iben Marija.

- **Luqa 7:12** – "*Kif wasal qrib il-bieb tal-belt, kienu qegħdin iġorru wieħed mejjet li ommu, mara armla,* ***ma kellhiex ħliefu****; u magħha kien hemm għadd ġmielu ta' nies.*"

Li kieku Ġesù kien l-uniku iben ta' Marija, taħseb int li l-ispirazzjoni ma kinetx tgħidilna li Marija "**ma kellhiex ħliefu**" kif jintqal dwar bin l-armla?

- **Luqa 8:41-42** – "*U ġie wieħed, jismu Ġajru, li kien kap tas-sinagoga, xteħet f'riġlejn Ġesù u talbu jasal wasla sa għandu,* [42]*għax kienet qiegħda tmutlu bintu, tifla ta' xi tnax-il sena,* ***li ma kellux ħliefha****. Huwa u sejjer, In-nies bdew irossu fuqu.*"

Hawn ukoll, kemm kien ikun faċli kieku l-kliem "**li ma kellux ħliefha(u)** kien jitqal għal Ġesù bħala bin Marija! Imma dan ma setax jintqal għaliex Marija għexet ħajja miżżewwġa normali ma' żewġha Ġużeppi u huma mxew skond il-liġi ta' Alla u mhux tal-bnedmin!

- **Luqa 9:38** – "*U wieħed raġel mill-folla refa' leħnu u qallu: Mgħallem, nitolbok, ħares ħarsa lejn ibni, għax* ***lilu biss għandi****.*"

Fejn qatt Marija qalet dan il-kliem, jiġifieri, "**lilu biss għandi**"?

- **Lhud 11:17** – "*Kienet il-fidi li ġiegħlet lil Abraham joffri 'l Iżakk meta Alla ġarrbu; u kien se joffri lil ibnu* ***l-waħdieni*** *sewwa sew dak li kien ħa l-wegħdiet.*"

Iżda Ġesù mhuwiex il-***monogenes*** ta' Marija. Ġesù, tgħidilna l-Bibbja Mqaddsa, huwa l-***prototokos*** ta' Marija!

4. **Ommu Ġesù u ħutu:**

**Eżempji:**

- **Mattew 12:46-50** – "[46]*Kif kien għadu qiegħed ikellem lin-nies, ġew* ***ommu u ħutu****, waqfu barra u fittxew li jkellmuh.* [47]*Xi ħadd qallu: Ara,* ***ommok u ħutek*** *qegħdin barra jfittxu li jkellmu.* [48]*Iżda hu wieġeb lil dak li kellmu, u qallu:* ***Min hi ommi****? U* ***min huma ħuti****?* [49]*Imbagħad medd idu lejn id-dixxipli tiegħu u qal: Dawn, araw, huma* ***ommi*** *u* ***ħuti****.* [50]*Għax kull min jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet, dak huwa* ***ħija****, u* ***oħti****, u* ***ommi****.*"
- **Mark 3:31-35** – "[31]*Darba ġew* ***ommu u ħutu****, baqgħu barra u bagħtu jsejħulu.* [32]*Dak il-ħin kien hemm ħafna nies bilqiegħda madwaru. Ara, qalulu,* ***ommok u ħutek*** *qegħdin hemm barra u jriduk.* [33]*U hu weġibhom: Min huma* ***ommi u ħuti****?* [34]*Imbagħad dawwar ħarstu fuq dawk li kien hemm madwaru, u qal: Dawn, araw, huma* ***ommi u ħuti****.* [35]*Kull min jagħmel ir-rieda ta' Alla, dak huwa* ***ħija****, u* ***oħti****, u* ***ommi****.*"
- **Luqa 8:19-21** – "[19]*Ġew għalih* ***ommu u ħutu****, iżda ma setgħux jersqu lejh minħabba l-folla.* [20]*Xi ħadd qallu,* ***ommok u ħutek*** *qegħdin hawn barra u jarawk.* [21]*Iżda hu weġibhom:* ***Ommi u ħuti*** *huma dawk li jisimgħu l-kelma ta' Alla u jagħmlu li jgħid hu.*"

"**Ħutu**" (***adelphoi***) u mhux *qrabatu* (***suggeneusin***) lanqas *kuġini* (***aneptios***) jew *dixxipli* (***mathetes***) jew *niesu* (***hoi para autou***). Tista' l-Kelma ta' Alla tkun ċara aktar minn hekk? Imma l-bnedmin iħassurha bit-tagħlim falz tagħhom.

## Min kienu ħutu?

- **Mattew 13:54-58** – "[54]*U meta ġie f'pajjiżu għallimhom fis-sinagoga tagħhomn, hekk li kienu mistagħġbin, u qalu: Dan mnejn għandu dan il-għerf, u dawn l-egħmejjel kbar?* [55]*Dan mhux bin il-mastrudaxxa?* ***Ommu*** *ma jisimhiex Marija? U* ***ħutu****, Ġakbu, u Ġożè, u Xmun u*

*Ġuda? [56]U **ħutu l-bniet**, mhumiex kollha magħna? Mnejn mela dal-bniedem għandu dawn il-ħwejjeġ kollha? [57]U kienu mfixklin bih. Iżda Ġesù qalilhom: Profeta mhux bla ġieh, ħlief f'pajjiżu, u f'daru. [58]U hemm m'ghamilx ħafna egħmejjel kbar minħabba n-nuqqas tat-twemmin tagħhom."*

- <u>Mark 6:1-4</u> – "*[1]Telaq minn hemm u mar lejn pajjiżu, u d-dixxipli tiegħu marru miegħu. [2]Meta wasal is-Sibt, daħal igħallem fis-sinagoga, u l-ħafna li semgħuh bdew jistgħaġbu u jgħidu: Mnejn kisbu dan kollu? U xinhu dan il-għerf li ngħtalu biex saħansitra qegħdin isiru dawn l-egħġubijiet kbar b'idejh? [3]Dan mhuwiex il-mastrudaxxa **bin** Marija, u **ħu** Ġakbu u Ġożè u Ġuda u Xmun? U **ħutu l-bniet** mhumiex hawn magħna? U huma skandaliżżaw ruħhom minħaba fih. [4]U qalilhom Ġesù: Ebda profeta ma hu bla ġieh jekk mhux f'pajjiżu u fost qrabatu u f'daru stess.*"

**"Ħutu"** (***adelphoi***) u mhux *qrabatu* (***suggeneusin***) lanqas *kuġini* (***aneptios***) jew *dixxipli* (***mathetes***) jew *niesu* (***hoi para autou***). Issa li int qiegħed taqra direttament mill-Kelma ta' Alla, temmen li l-aħwa ta' Ġesù, ulied Marija u Ġużeppi kienu: Ġakbu u Ġożè u Ġuda u Xmun? U ħutu l-bniet? Dan il-Kelma ta' Alla tgħidu u mhux jien. Lil min int se temmen, lil Alla jew lill-bnedmin billi taċċetta l-interpretażżjoni żbaljata tagħhom? (Ara Atti 5:29).

- <u>Ġwanni 2:12</u> – "*Wara li niżel Kafarnahum, hu, u **ommu**, u **ħutu**, u d-dixxipli tiegħu; u ma damux hemm ħafna jiem.*"
- <u>Ġwanni 7:2-5</u> – "*[2]Kienet qorbot għal-Lhud il-festa ta' l-Egħrejjex, [3]u ħutu qalulu: Itlaq minn hawn u mur il-Lhudija, biex id-dixxipli tiegħ-ek ukoll jaraw l-egħmejjel li qiegħed tagħmel. [4]Għax ħadd ma jagħ-mel xejn bil-moħbi jekk irid ikun magħruf minn kulħadd. Ladarba qiegħed tagħmel dan kollu, uri ruħek lid-dinja. [5]Għax lanqas **ħutu** ma kienu jemmnu fih.*"
- <u>Atti 1:12-14</u> – "*[12]Imbagħad reġgħu lura lejn Ġerusalem mill-għolja msejħa taż-Żebbuġ, li hi 'l bogħod mill-belt daqs il-mixja tas-Sibt, jiġifieri xi nofs mil. [13]Xħin daħlu l-belt, telgħu fil-kamra ta' fuq tad-dar fejn kienu joqogħdu. Huma kienu: Pietru u Ġwanni, Ġakbu u Indri, Filippu u Tumas, Bartilmew u Mattew, Ġakbu bin Alfew, u Xmun igħidulu l-Imħeġġeġ, u Ġuda bin Ġakbu. [14]U lkoll qalb waħda kienu jitolbu flimkien ma' xi nisa u ma' **Marija, omm Ġesù, u ma' ħutu**.*"

**F'dawn it**-tliet passaġġi wkoll aħna għandna **"ħutu"** (***adelphoi***) u mhux *qrabatu* (**suggeneusin**) lanqas *kuġini* (**aneptios**) jew *dixxipli* (**mathetes**) jew *niesu* (***hoi para autou***).

- <u>**Galatin 1:19**</u> – "*Iżda ma rajt lil ħadd aktar mill-appostli, barra minn Ġakbu* ***ħu*** *'l Mulej.*"

Għaliex Ġakbu ***ħu*** l-Mulej u mhux sempliċiment Ġakbu? Għaliex Ġakbu kien hemm aktar minn wieħed u biex l-appostlu Pawlu juri liema Ġakbu hu kien qiegħed jitkellem dwaru introduċieh bħala "ħu l-Mulej," jiġifieri, wieħed minn ulied Marija u Ġużeppi (Mark 6:3). Ġakbu l-ieħor naqraw ukoll dwar f'Atti 12:2 fejn naqraw: "*U qatel lil* ***Ġakbu ħu Ġwanni*** *bix-xabla.*" Taħseb in li "***ħu*** *l-Mulej*" u "***ħu*** *Ġwanni*" huma l-istess wieħed? żgur li le!

**Ħu** l-Mulej, mhux *qarib* jew il-*kuġin*. **Ħu** Ġwanni, mhux *qarib* jew il-*kuġin*!

- <u>**1 Korintin 9:5**</u> – "*M'għandniex il-jedd nieħdu magħna oħt, mara, bħall-appostli l-oħra, u bħal* ***ħut il-Mulej****, u Kefa?*"

Hemm distinzjoni bejn l-appostli u ***ħut il-Mulej***. Hawn il-kelma "ħut" fil-Grieg hija "*adelphoi.*" Ġakbu, Ġosè, u Xmun kienu miżżewġa bħal ma kien Pietru. "Ħut il-Mulej" huwa f'sens karnali għaliex l-appostli l-oħra u Pietru kienu hekk f'sens spiritwali. Dawn l-aħwa ma emmnux għal l-ewwel, imma wara l-qawmien ta' Ġesù mill-imiwet, Kristu deher lil Ġakbu (1 Korintin 15:7) u l-aħwa emmnu. Mistoqsija li qassis Kattoliku għamel lil waħda mill-aħwa fil-knisja ta' Kristu biex mingħalih jipprova juri li Ġesù ma kellux ħutu, kienet: "Jekk Ġesù kellu ħutu, fejn kienu meta Ġesù kien fuq is-Salib?" Imma jiena nistaqsi lil dak il-qassis: "Fejn kienu l-appostli meta Ġesù kien imsallab?" Ifisser dan li l-appostli ma kinux jeżistu lanqas billi ma kinux preżenti fil-kurċifissjoni? Imma meta xi ħadd jagħmel xi mistoqsija bħal dik tal-qassis Kattoliku dak ikun qiegħed juri kemm tassew hu ma jafx x'tgħid il-Kelma ta' Alla.

Imma l-prova tas-sinċerità ta' min igħallem li l-aħwa ta' Ġesù ma kinux tassew ulied Marija u Ġużeppi, hija din: Li kieku dak il-kliem li għadna kif qrajna fuq, jiġifieri, dawk il-passaġġi kollha li jsemmu lil Marija omm Ġesù u ħutu, minflok ma kienu ndirizzati għal Marija u Ġesù kienu ndirizzati għal xi persuni oħra, kont int taċċettahom bħala li tassew kienu l-aħwa karnali u mhux qraba fis-sens kif tipprova tgħallem il-Knisja Kattolika Rumana? Jiena ċert li ma kien ikollok l-ebda diffikultà dwar dan! Għaliex? It-tweġiba hija, għaliex jekk int temmen it-tagħlim Kattoliku Rumana, int diġa' tinsab ikkondizzjonat biex temmen dak li jgħidu t-teologi Kattoliċi Rumani u mhux dak li tassew tgħdi il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa. Din, u din biss hija r-raġuni vera!

## KONKLUŻJONI

Jekk aħna niċħdu li **l-aħwa** msemmija fil-Bibbja Mqaddsa li kienu ta' Ġesù, *ulied minn Marija u Ġużeppi*, allura bl-istess raġuni aħna nistgħu niċħdu li Ġakbu huwa **ħu** Ġwanni mill-istess omm u missier, li Filippu huwa **ħu** Nataneèl, mill-istess omm u missier jew li Indri huwa **ħu** Xmun Pietru mill-istess omm u missier (Mattew 4:18-21; Ġwanni 1:40, 45) eċċ. U xi ngħidu dwar "ħutu l-bniet" (Mattew 13:56; Mark 6:3)? Kienet Marija **oħt** Marta mill-istess omm u missier (Luqa 10:39; Ġwanni 11:1-6) jew hija kienet *qariba* jew *kuġina* ta' Marta? Kien Lażżru ħuhom mill-istess omm u missier jew kuġin jew qarib tagħhom? Kien Pawlu z-ziju tat-tifel imsemmi f'Atti 23:16, jiġifieri, t-tifel ta' oħtu mill-istess omm u missier fiżikament jew omm it-tifel kienet qariba jew kuġina ta' Pawlu? Meta Pawlu ried isemmi l-qraba hu ma rriferix għallihom bħala ħutu imma bħala qraba (Rumani 16:7, 0) imma meta hu ried juri lil xi oħt ma rriferiex għaliha bħala qariba imma bħala oħt (Rumani 16:1, 15).

Qatt int smajt lil xi teologu Kattoliku Ruman igħid li dawk kienu kuġini jew qraba u mhux aħwa, subjien u bniet? Mela għaliex fejn jissemmew l-aħwa ta' Ġesù jintqal mod ieħor? Għalhekk,

> "*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'dawn il-ħwejjeġ tinżel il-korla ta' Alla fuq ulied id-diżubbidjenza*" (Efesin 5:6).
>
> "*Qisu li ħadd ma jassarkom b'filosofija u kliem qarrieq u fieragħ skond it-tradizzjonijiet tal-bnedmin skond il-prinċipji tad-dinja u mhux ta' Kristu*" (Kolossin 2:8-19).
>
> "19 *Iżda Pietru u Ġwanni wieġbu, u qalulhom: Jekk hux sew-wa quddiem Alla li nisimgħu minnkom aktar milli minn Alla, aqtgħu intom....* 29 *Wieġeb Pietru u l-appostli l-oħra, u qalu:* ***Aħna għandna nisimgħu minn Alla aktar milli mill-bnedmin***" (Atti 4:19; 5:29).

Jalla aħna nħajruk biex issir Kristjan, xejn aktar, xejn inqas.

Għal aktar informazzjoni ikteb lil:


**KNISJA TA' KRISTU**
Flat 7, Polytechninc Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida MSD 10, Malta.

Ħin tal-Laqgħat:
Il-Ħadd - 10.30 a.m.
L-Erbgħa - 7.00 p.m.

e-mail: info@churchofchristmalta.com
www.churchofchristmalta.com